Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/0222(COD)

11.5.2026

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Erasmus+ għall-perjodu 2028-2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888
(COM(2025)0549 – C10-0170/2025 – 2025/0222(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Nela Riehl

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Erasmus + huwa wieħed mill-aktar programmi trasformattivi tal-UE, li jbiddel il-ħajjiet permezz tal-mobbiltà tal-apprendiment, il-volontarjat u l-involviment ċiviku. L-opinjoni tal-Kumitat EMPL iżżid dimensjoni soċjali u tax-xogħol essenzjali għall-proposta tal-Kummissjoni, u ssaħħaħ l-inklużività tal-programm, ir-rispett tiegħu għal xogħol deċenti, u r-rilevanza tiegħu għad-dinja tal-impjiegi, mingħajr ma tikkompromietti l-karattru edukattiv olistiku li jagħmel l-Erasmus+ ta' valur uniku.

I. L-Edukazzjoni olistika bħala l-pedament tal-impjegabbiltà

Il-valur miżjud ewlieni ta' Erasmus+ jinsab f'dak li joffri lil hinn mill-ħiliet formali: l-adattabbiltà, il-kompetenza interkulturali, il-kapaċità lingwistika, il-ħsieb kritiku u l-kapaċità li wieħed jaħdem f'ambjenti differenti. Dawn huma preċiżament il-kompetenzi l-aktar importanti f'suq tax-xogħol fejn l-IA u l-għodod diġitali qed jissostitwixxu dejjem aktar il-kompiti ta' rutina. Erasmus+ jgħammar lin-nies b'dak li l-magni ma jistgħux jirreplikaw.

L-opinjoni tal-Kumitat EMPL għalhekk tinkwadra l-kontribut tal-programm għall-impjegabbiltà minn din il-perspettiva. Erasmus+ m'għandux jiġi ristrett għal mekkaniżmu li jwassal il-ħiliet; is-saħħa tiegħu tinsab fil-formazzjoni ta' persuni ġenwinament versatili u moħħhom miftuħ. L-objettiv speċifiku dwar l-edukazzjoni ssaħħaħ biex jirrifletti dan ir-rwol doppju: l-appoġġ għall-iżvilupp personali olistiku filwaqt li jiġu indirizzati wkoll il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari billi jitrawmu ħiliet personali li se jkunu dejjem aktar deċiżivi fl-era tad-diġitalizzazzjoni.

II. Il-persuni b'inqas opportunitajiet: allokazzjoni minima ta' 20 %

Minkejja l-progress li sar, il-persuni b'inqas opportunitajiet għadhom sottorappreżentati b'mod sinifikanti fil-programm. L-opinjoni tintroduċi allokazzjoni minima vinkolanti ta' 20 % tal-pakkett finanzjarju totali ddedikat għall-parteċipazzjoni tagħhom, akkumpanjata minn appoġġ finanzjarju mmirat, assistenza għall-akkomodazzjoni, prefinanzjament u kopertura sħiħa tal-kostijiet reali tal-mobbiltà. L-inklużjoni trid tkun inkorporata mid-disinn fl-attivitajiet kollha tal-programm u l-kostijiet tal-inklużjoni qatt ma jridu jippenalizzaw applikazzjoni fil-proċess ta' evalwazzjoni.

III. Il-volontarjat: valur ċiviku, mhux xogħol mingħajr ħlas

L-integrazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà f'Erasmus+ teħtieġ salvagwardja soda: il-volontarjat qatt ma għandu jissostitwixxi l-impjieg bi ħlas. L-opinjoni ssaħħaħ id-distinzjoni bejn il-volontarjat u l-impjieg, u tirrikjedi ftehim bil-miktub, komponent qawwi ta' apprendiment, u projbizzjoni espliċita fuq l-użu tal-volontarjat bħala sostitut tal-impjiegi jew tat-traineeships.

IV. L-għalliema, il-ħarrieġa u l-edukaturi bħala multiplikaturi

Il-persunal edukattiv huwa multiplikatur: għalliem li jipparteċipa f'attività ta' mobbiltà jġib kompetenzi u networks ġodda lura fil-komunità skolastika kollha. L-opinjoni tindirizza n-nuqqas ta' prijoritizzazzjoni storika tal-mobbiltà tal-persunal billi tirrikjedi li din tiġi rikonoxxuta bħala ħin tax-xogħol u bħala parti mill-iżvilupp professjonali kontinwu, u li jiġi pprovdut appoġġ għas-sostituzzjoni, il-lingwa u l-aċċessibbiltà. L-Akkademji tal-Għalliema tal-Erasmus+ għandhom jissaħħu, u l-organizzazzjonijiet tal-għalliema u t-trade unions

għandhom ikunu involuti fil-governanza tal-programmi. Il-kundizzjonijiet għall-mobbiltà fit-tul tal-persunal, inkluża t-trasferibbiltà tas-salarju u tal-benefiċċji soċjali, iridu jittejbu.

V. Is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ bħala sħab ewlenin u atturi tal-politika

L-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-atturi tas-soċjetà ċivili mhumiex biss mezzi ta' twassil għall-programm. Huma atturi tal-politika b'għarfien espert u leġittimità li l-atturi istituzzjonali ma jistgħux jirreplikaw. L-opinjoni tirrikonoxxi b'mod espliċitu l-organizzazzjonijiet immexxija miż-żgħażagħ bħala sħab essenzjali fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' Erasmus+, u ssaħħaħ ir-rekwiżit għal djalogu strutturat mas-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali. L-organizzazzjonijiet ta' bażi u fuq skala żgħira jridu jirċievu attenzjoni speċifika fl-allokazzjoni tal-għotjiet, u jżommu l-programm ġenwinament miftuħ għal dawk l-eqreb tal-komunitajiet li għandu l-għan li jilħaq.

VII. Il-prevedibbiltà tal-baġit: tliet kapitoli settorjali

Mingħajr linji baġitarji ddedikati, is-setturi jirriskjaw li jikkompetu kontra xulxin fl-opaċità, u b'hekk ikunu ta' żvantaġġ għal atturi iżgħar u ta bażi. L-opinjoni tintroduċi mill-ġdid tliet kapitoli tal-baġit speċifiċi: l-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport. Dan isaħħaħ it-trasparenza, l-akkontabbiltà u s-sigurtà tal-ippjanar għall-benefiċjarji, jirrifletti l-oqsfa ta' politika distinti ta' kull qasam, u jipproteġi kontra l-kompetizzjoni intersettorjali kontroproduttiva. Il-programmi ta' ħidma jridu jinkludu attribuzzjonijiet baġitarji espliċiti għal kull settur, u jagħtu lill-organizzazzjonijiet il-prevedibbiltà li jeħtieġu għall-ippjanar fit-tul.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jippreżenta lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni jeħtieġ tappoġġa u tħejji lin-nies tagħha, minn età bikrija, bl-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex jirnexxu fl-apprendiment, fix-xogħol u fil-ħajja. Sabiex dan ikun jista' jsir, l-Unjoni ***teħtieġ*** sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ ***bi prestazzjoni tajba, aġli, innovattivi*** u inklużivi***, li jkunu kapaċi jrawmu, jattiraw u jżommu t-talent***, biex ilaħħqu mal-pass u l-ambitu tat-trasformazzjonijiet soċjetali, diġitali, ambjentali u ekonomiċi li għaddejjin	(1) L-Unjoni jeħtieġ tappoġġa u tħejji lin-nies tagħha, minn età bikrija, bl-għarfien, il-ħiliet u ***l-attitudnijiet li flimkien jikkostitwixxu*** l-kompetenzi meħtieġa biex jirnexxu fl-apprendiment, fix-xogħol u fil-ħajja. Sabiex dan ikun jista' jsir, l-Unjoni ***u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jiżguraw li*** sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ ***ta' kwalità għolja*** u inklużivi ***jappoġġaw lill-istudenti kollha***, biex ilaħħqu mal-pass u l-ambitu tat-trasformazzjonijiet soċjetali, diġitali,

bħalissa, jirrispondu għall-isfidi demografiċi u ***għall-ħtiġijiet tal-ħiliet tas-soċjetà*** u ***tal-ekonomija***, ***inaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet*** u ***jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-industrija fis-setturi kritiċi***.

ambjentali u ekonomiċi li għaddejjin bħalissa, jirrispondu għall-isfidi demografiċi***, inaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet u jappoġġaw lill-istudenti fl-iżvilupp tal-kompetenzi meħtieġa għat-tkabbir personali*** u ***professjonali, iċ-ċittadinanza attiva u l-apprendiment tul il-ħajja, mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha li jissalvagwardjaw l-impjieg sostenibbli u ta' kwalità, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, rispett għad-drittijiet tax-xogħol u għal ftehimiet kollettivi, u koeżjoni soċjali*** u ***territorjali fit-tul. Ir-rapport dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea[1a] jissottolinja li***, ***sabiex il-parteċipazzjoni tiġi estiża b'mod sinifikanti*** u ***jintlaħqu ż-żgħażagħ kollha madwar l-Unjoni, il-finanzjament tal-programm Erasmus+ għandu jiżdied b'mod sinifikanti***.

1a

https://commission.europa.eu/topics/competitiveness/draghi-report_en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Huwa essenzjali li n-nies kollha, irrispettivament mill-isfond personali, soċjali, ekonomiku jew kulturali tagħhom, ***ikollhom*** l-opportunità li jipparteċipaw f'esperjenza ta' mobbiltà barra minn pajjiżhom minn età bikrija, meta jiġu ffurmati l-valuri u l-attitudnijiet u meta l-individwi jkunu l-aktar lesti li jilqgħu esperjenzi u influwenzi ġodda. L-esponiment bikri għal ambjenti, kulturi, lingwi u modi ta' ħajja differenti jista' jgħin biex jinqerdu l-isterjotipi, jiġi promoss il-fehim interkulturali, u jitrawmu valuri ta' rispett, tolleranza u solidarjetà, b'hekk jikkontribwixxi għal Ewropa aktar	(4) Huwa essenzjali li n-nies kollha, irrispettivament mill-isfond personali, soċjali, ekonomiku jew kulturali tagħhom ***u mill-post ta' residenza u mingħajr ma jissaħħu l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi jew jinħoloq aċċess mhux ugwali***, ***jiġu mħeġġa u jkollhom*** l-opportunità li jipparteċipaw f'esperjenza ta' mobbiltà barra minn pajjiżhom minn età bikrija, meta jiġu ffurmati l-valuri u l-attitudnijiet u meta l-individwi jkunu l-aktar lesti li jilqgħu esperjenzi u influwenzi ġodda. L-esponiment bikri għal ambjenti, kulturi, lingwi u modi ta' ħajja differenti jista' jgħin biex jinqerdu l-isterjotipi, jiġi promoss il-fehim interkulturali, u jitrawmu

magħquda u armonjuża.

valuri ta' rispett, tolleranza u solidarjetà, ***u*** b'hekk jikkontribwixxi għal Ewropa aktar magħquda u armonjuża. ***Sabiex jiġi kkonsolidat l-aċċess għal opportunitajiet indaqs, il-mobbiltà tal-apprendiment jeħtieġ li ssir aċċessibbli għall-istudenti ta' kull età sabiex tiġi żviluppata kultura ta' apprendiment tul il-ħajja. F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2024 intitolata "Ewropa Attiva" - Opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd" u l-mira tagħha għal individwi b'inqas opportunitajiet, kif ukoll l-objettivi tagħha li żżid b'mod sinifikanti s-sehem ta' gradwati tal-edukazzjoni għolja u studenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali li jibbenefikaw mill-mobbiltà tal-apprendiment, l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji u l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' finanzjament jenħtieġ li jiżguraw sensibilizzazzjoni effettiva u l-inklużjoni ta' persuni b'inqas opportunitajiet, b'mod partikolari dawk barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs), li spiss jiġu injorati minn miżuri ta' inklużjoni ġeneralizzati. L-appoġġ finanzjarju għat-trasport irid jiġi evalwat mill-ġdid. Dan irid jiġi aġġustat skont id-distanza iżda wkoll skont l-aċċessibbiltà finanzjarja u ġeografika, sabiex l-ivjaġġar ikun aċċessibbli għal kulħadd, irrispettivament mill-post tat-tluq tagħhom.***

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-bini ta' soċjetajiet inklużivi, koeżivi u reżiljenti, u s-sostenn ***tal-kompetittività*** tal-Unjoni jeħtieġu investiment f'opportunitajiet ta' apprendiment għal kulħadd, irrispettivament mill-isfond u l-mezzi, f'kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-	(5) Il-bini ta' soċjetajiet inklużivi, koeżivi u reżiljenti, u s-sostenn ***tal-prosperità*** tal-Unjoni jeħtieġu investiment f'opportunitajiet ta' apprendiment ***u taħriġ*** għal kulħadd, irrispettivament mill-isfond u l-mezzi, f'kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet attivi fil-

organizzazzjonijiet attivi fil-qasam, u fl-iżvilupp innovattiv tal-politika fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport. Investiment bħal dan jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-identità Ewropea u tad-drittijiet u l-valuri fundamentali, u għal Unjoni aktar demokratika.

qasam, u fl-iżvilupp innovattiv tal-politika fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport ***bħala oqsma ta' interess pubbliku.*** Investiment bħal dan jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-identità Ewropea u tad-drittijiet u l-valuri fundamentali, u għal Unjoni aktar demokratika.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Bħala parti mill-Unjoni tal-Ugwaljanza, il-Programm se jindirizza d-differenzi fir-rigward tal-aċċess u l-użu minn gruppi sottorappreżentati, b'mod partikolari dawk li qed jiffaċċjaw ostakli soċjoekonomiċi, ġeografiċi, relatati mad-diżabbiltà jew strutturali oħra, f'konformità mal-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+, l-Istrateġija tal-UE Kontra r-Razziżmu 2026-2030 u l-Qafas Strateġiku għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni u l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem. F'konformità mal-Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, il-Programm se jikkontribwixxi wkoll biex jippromwovi opportunitajiet indaqs fl-oqsma tal-edukazzjoni u tat-taħriġ.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) F'konformità mal-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza[3], il-preparatezza, ir-reżiljenza, il-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika u l-involviment ċiviku jenħtieġ li jitrawmu permezz ta' approċċ axxendenti, filwaqt li l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet jitħeġġu jaqdu rwol ewlieni fit-trawwim tal-litteriżmu diġitali u ***medjatiku*** u ***tal-ħsieb*** kritiku, fil-promozzjoni tal-involviment ċiviku***,*** u fl-apprendiment dwar id-demokrazija u ċ-ċittadinanza. In-nies u l-komunitajiet madwar l-UE jridu jimpenjaw ruħhom b'mod attiv biex jipprevjenu l-kriżijiet u biex ikunu ppreparati biżżejjed biex jirrispondu għalihom.	(6) F'konformità mal-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza[3], il-preparatezza, ir-reżiljenza, il-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika u l-involviment ċiviku jenħtieġ li jitrawmu permezz ta' approċċ axxendenti, ***inkluż permezz ta' impjiegi ta' kwalità, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u l-protezzjoni tal-ħaddiema u taċ-ċittadini involuti f'attivitajiet tal-edukazzjoni, taż-żgħażagħ u tal-isport,*** filwaqt li l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet jitħeġġu jaqdu rwol ewlieni fit-trawwim tal-litteriżmu diġitali***, medjatiku*** u ***demokratiku*** u ***fil-ħsieb*** kritiku ***u etiku***, fil-promozzjoni tal-involviment ċiviku u fl-apprendiment dwar id-demokrazija***, il-valuri Ewropej*** u ċ-ċittadinanza. In-nies u l-komunitajiet madwar l-UE jridu jimpenjaw ruħhom b'mod attiv biex jipprevjenu l-kriżijiet u biex ikunu ppreparati biżżejjed biex jirrispondu għalihom.
[3] Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija Ewropea ta' Unjoni tal-Preparatezza (Join/2025/130 final).	[3] Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija Ewropea ta' Unjoni tal-Preparatezza (Join/2025/130 final).

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) L-oqsma ta' azzjoni u l-objettivi komuni tal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u tal-programm Erasmus+ ***għall-2021–2027*** jenfasizzaw il-potenzjal għal sinerġija u koerenza regolatorja msaħħa. Il-ġbir flimkien tal-opportunitajiet kollha tal-mobbiltà tal-apprendiment, tal-	(7) L-oqsma ta' azzjoni u l-objettivi komuni tal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u tal-programm Erasmus+ ***għall-2021-2027*** jenfasizzaw il-potenzjal għal sinerġija u koerenza regolatorja msaħħa. Il-ġbir flimkien tal-opportunitajiet kollha tal-mobbiltà tal-apprendiment, tal-

volontarjat, tal-kooperazzjoni u taċ-ċittadinanza attiva jipprovdi punt ta' dħul uniku għall-opportunitajiet kollha li l-Unjoni toffri liż-żgħażagħ u lill-organizzazzjonijiet attivi fil-qasam taż-żgħażagħ, u dan jippermetti approċċ aktar koordinat u effettiv, u aċċess aktar faċli għall-parteċipanti u l-benefiċjarji potenzjali.

volontarjat, tal-kooperazzjoni u taċ-ċittadinanza attiva jipprovdi punt ta' dħul uniku għall-opportunitajiet kollha li l-Unjoni toffri liż-żgħażagħ***, lill-membri tal-persunal rilevanti*** u lill-organizzazzjonijiet attivi fil-qasam taż-żgħażagħ, u dan jippermetti approċċ aktar koordinat u effettiv***, filwaqt li jiżgura ċ-ċarezza tal-istatus tal-impjieg, id-drittijiet u l-protezzjonijiet għall-parteċipanti, il-voluntiera u l-persunal involuti***, u aċċess aktar faċli għall-parteċipanti u l-benefiċjarji potenzjali.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) F'dan il-kuntest, jeħtieġ jiġi stabbilit Erasmus+ ***2028–2034***, il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport (il-"Programm"), bħala s-suċċessur tal-programm Erasmus+[4] u tal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà[5] ***2021–2027***, li jinkludi azzjonijiet fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport u jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja.	(8) F'dan il-kuntest, jeħtieġ jiġi stabbilit Erasmus+ ***2028-2034***, il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport (il-"Programm"), bħala s-suċċessur tal-programm Erasmus+[4] u tal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà[5] ***2021-2027***, li jinkludi azzjonijiet fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport u jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja. ***Jenħtieġ li l-integrazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fil-Programm ma tikkompromettix il-prinċipji tas-solidarjetà, tal-volontarjat u tal-involviment ċiviku li jikkaratterizzawh, u jenħtieġ li tiżgura l-kontinwità, l-aċċessibbiltà u l-kwalità, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet u għall-organizzazzjonijiet ta' bażi li jimplimentaw attivitajiet ta' volontarjat u ta' solidarjetà. L-attivitajiet ta' volontarjat u ta' solidarjetà jiffurmaw parti fundamentali mill-involviment ċiviku għall-persuni ta' kull età u jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti u appoġġati bħala opportunitajiet siewja ta' apprendiment u ta' parteċipazzjoni. Dawk l-attivitajiet***

	jenħtieġ li jibqgħu distinti b'mod ċar mill-impjiegi formali u mit-traineeships, filwaqt li jippreservaw l-iskop uniku u l-valur miżjud tal-volontarjat.
[4] Ir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u ***t-taħriġ***, żgħażagħ u sport (ĠU L 189, 28.5.2021).	[4] Ir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u ***taħriġ***, żgħażagħ u sport (ĠU L 189, 28.5.2021).
[5] Ir-Regolament (UE) 2021/888 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (ĠU L 202, 8.6.2021).	[5] Ir-Regolament (UE) 2021/888 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (ĠU L 202, 8.6.2021).

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) ***F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qiegħed jinbidel malajr, l-esperjenza wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi ta' nfiq tal-Unjoni aktar flessibbli. Għal dak l-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-programm*** Erasmus+, ***il-finanzjament*** jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika u l-prijoritajiet tal-Unjoni li qegħdin jevolvu, kif identifikat fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ***fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, filwaqt li*** jiżgura prevedibbiltà ***suffiċjenti*** għall-implimentazzjoni tal-baġit.	(9) ***Il-finanzjament għall-programm*** Erasmus+ jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika u l-prijoritajiet tal-Unjoni li qegħdin jevolvu, kif identifikat ***fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u*** fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ***u*** jiżgura prevedibbiltà għall-implimentazzjoni tal-baġit. ***Sabiex jiġi żgurat li l-Programm jilħaq b'mod effettiv lil dawk li jiffaċċjaw l-akbar ostakli għall-parteċipazzjoni, jenħtieġ li sehem sinifikanti mill-pakkett finanzjarju jiġi ddedikat biex jappoġġa persuni b'inqas opportunitajiet, inkluż permezz ta' appoġġ finanzjarju mmirat, mekkaniżmi ta' finanzjament adattati u miżuri ta' implimentazzjoni inklużivi. Tali approċċ huwa essenzjali biex jiġu indirizzati l-ostakli strutturali, jiġu evitati d-disparitajiet soċjoekonomiċi fl-aċċess għall-mobbiltà u jiġi żgurat li l-Programm***

jikkontribwixxi għal koeżjoni soċjali u opportunitajiet indaqs madwar l-Unjoni.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Il-programm Erasmus+ huwa investiment komplementari tal-Unjoni u jenħtieġ li ma jiġix interpretat bħala sostitut għal investiment pubbliku sostenibbli fl-edukazzjoni fil-livell nazzjonali. Jenħtieġ li l-Programm jiġi implimentat b'mod li jsaħħaħ il-baġits effiċjenti tal-edukazzjoni pubblika u jappoġġa l-implimentazzjoni sħiħa tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari d-dritt għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-apprendiment tul il-ħajja.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-implimentazzjoni ***tal-Unjoni*** tal-Ħiliet[6] u l-oqfsa strateġiċi kumplessivi għall-kooperazzjoni politika tal-Unjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż l-aġendi ***politiċi*** għall-edukazzjoni skolastika, l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-apprendiment ***għall-adulti***, inkluż it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jiżviluppaw kompetenzi u ħiliet fl-istadji kollha tal-ħajja tagħhom ħalli jirnexxu fis-soċjetà.	(10) ***Il-Programm jenħtieġ li jżomm enfasi qawwija u espliċita fuq il-mobbiltà tal-apprendiment bħala l-valur miżjud fundamentali tal-Programm. Il-finanzjament jenħtieġ li jiżgura appoġġ stabbli u prevedibbli għall-azzjonijiet ta' mobbiltà, u jippermetti parteċipazzjoni wiesgħa. Il-Programm jenħtieġ li*** jappoġġa ***wkoll*** l-implimentazzjoni ***taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni inkluża l-Unjoni*** tal-Ħiliet[6] u l-oqfsa strateġiċi kumplessivi għall-kooperazzjoni politika tal-Unjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż l-aġendi ***ta' politika*** għall-edukazzjoni skolastika, l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali***, l-apprendiment għall-adulti***

u l-apprendiment ***mhux formali u informali***, inkluż it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jiżviluppaw kompetenzi u ħiliet fl-istadji kollha tal-ħajja tagħhom ħalli jirnexxu fis-soċjetà***. Il-Programm jenħtieġ li jżomm approċċ interdixxiplinari. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa b'mod espliċitu l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-apprendiment ibbażat fuq ix-xogħol, peress li dawn il-perkorsi huma essenzjali biex jiġi indirizzat n-nuqqas ta' ħiliet u tissaħħaħ il-kompetittività. Għal dan l-għan, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa sħubijiet għall-kooperazzjoni li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju bħala organizzazzjonijiet ospitanti għall-apprendiment ibbażat fuq ix-xogħol u l-mobbiltà, filwaqt li jiżgura li l-appoġġ finanzjarju jkun ta' benefiċċju għall-individwi li jwettqu l-mobbiltà u li l-organizzazzjonijiet parteċipanti jikkontribwixxu b'mod xieraq għall-objettivi u l-attivitajiet tal-Programm.***

[6] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni L-Unjoni tal-Ħiliet (COM/2025/90 final).

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) F'konformità mal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ[7], l-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażagħ[8] u l-Komunikazzjoni tal-2024 dwar il-legat tas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022[9], il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażagħ u tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ fit-	(11) F'konformità mal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ[7], l-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażagħ[8] u l-Komunikazzjoni tal-2024 dwar il-legat tas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022[9], il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażagħ u tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ fit-

[6] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni L-Unjoni tal-Ħiliet (COM/2025/90 final).

teħid tad-deċiżjonijiet u fit-tfassil tal-politika, l-integrazzjoni taż-żgħażagħ fl-oqsma kollha ta' politika, il-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali, il-ħidma fost iż-żgħażagħ ta' kwalità għolja u l-iżvilupp tal-kompetenzi tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ. Il-Programm se jkompli jappoġġa liż-żgħażagħ kollha biex jipparteċipaw fil-mobbiltà tal-apprendiment u l-mobbiltà tal-apprendiment mhux formali, inkluż l-iskambji taż-żgħażagħ u l-attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, bl-objettiv li jinvolvi liż-żgħażagħ u jagħtihom is-setgħa li jakkwistaw u jiżviluppaw kompetenzi għal ħajjithom u għall-futur professjonali tagħhom, biex isiru ċittadini attivi u jibdew jipparteċipaw fil-ħajja ekonomika, soċjali, kulturali, demokratika u politika, u jinvolvihom fil-proġett Ewropew u jikkontribwixxi għall-bini ta' Unjoni inklużiva, ***kompetittiva*** u reżiljenti.

teħid tad-deċiżjonijiet u fit-tfassil tal-politika, l-integrazzjoni taż-żgħażagħ fl-oqsma kollha ta' politika, il-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali, il-ħidma fost iż-żgħażagħ ta' kwalità għolja u l-iżvilupp tal-kompetenzi tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ. Il-Programm se jkompli jappoġġa liż-żgħażagħ kollha***, lill-membri tal-persunal rilevanti u lill-organizzazzjonijiet*** biex jipparteċipaw fil-mobbiltà tal-apprendiment u l-mobbiltà tal-apprendiment mhux formali, inkluż l-iskambji taż-żgħażagħ u l-attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, bl-objettiv li jinvolvi liż-żgħażagħ u jagħtihom is-setgħa li jakkwistaw u jiżviluppaw kompetenzi għal ħajjithom u għall-futur professjonali tagħhom, biex isiru ċittadini attivi u jibdew jipparteċipaw fil-ħajja ekonomika, soċjali, kulturali, demokratika u politika, u jinvolvihom fil-proġett Ewropew u jikkontribwixxi għall-bini ta' Unjoni inklużiva, ***prospera*** u reżiljenti***. L-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet immexxija miż-żgħażagħ, jamplifikaw dak l-impatt billi jrawmu parteċipazzjoni sinifikattiva taż-żgħażagħ, jaġixxu bħala pont bejn iż-żgħażagħ u l-istituzzjonijiet, u jiżguraw li l-perspettivi esperti tagħhom ikunu riflessi fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-Programm.***

---

[7] Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ: L-istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażagħ 2019–2027 (ĠU C 456, ST/14944/2018/INIT, 18.12.2018).

[8] Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-Qafas għall-istabbiliment ta'

[7] Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ: L-istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażagħ 2019-2027 (ĠU C 456, ST/14944/2018/INIT, 18.12.2018).

[8] Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-Qafas għall-istabbiliment ta'

Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażagħ 2020/C 415/01 (ĠU C 415, 1.12.2020).	Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażagħ 2020/C 415/01 (ĠU C 415, 1.12.2020).
[9] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022 (COM/2024/1 final, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/en/txt/?uri=celex:52024dc0001)	[9] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022 (COM/2024/1 final, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/txt/?uri=celex:52024dc0001)

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) F'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Herning dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali attraenti u inklużivi għal aktar kompetittività u impjiegi ta' kwalità 2026-2030 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2024 bit-titolu "Ewropa Attiva" - Opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd", il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-attraenza tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) u l-parità tal-istima mal-edukazzjoni akkademika ġenerali. B'mod partikolari, il-Programm jenħtieġ li jqis il-karatteristiċi speċifiċi tal-VET sabiex jgħin biex tintlaħaq il-mira ta' 12 % tal-mobbiltà tal-VET tal-2030.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11b) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-trawwim ta' djalogu Ewropew dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) fil-kuntest tal-

	istrateġija Ewropea tal-VET li jmiss, b'mod partikolari fir-rigward tas-sħab soċjali, bil-ħsieb li jiġi żviluppat fehim komuni tal-kwalità fil-VET. Dan id-djalogu jenħtieġ li jindirizza kwistjonijiet bħad-durata tal-programmi, ir-rwol tal-VET inizjali bħala l-pedament għal taħriġ ulterjuri u kontinwu, kooperazzjoni bejn l-iskejjel u l-kumpaniji u l-istatus legali u r-remunerazzjoni tal-apprendisti u l-istudenti.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Il-Programm jenħtieġ li ***jappoġġa l-parteċipazzjoni*** fl-isport u l-attività fiżika ta' kulħadd, f'konformità mal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport ***2024–2027***[10]. ***Għalhekk, jeħtieġ issir enfasi***, b'mod partikolari***, fuq l-isport għad-dilettanti***, filwaqt li jitqies ir-rwol importanti li l-isport jaqdi fil-promozzjoni ta' stili ta' ħajja sani, relazzjonijiet interpersonali, l-inklużjoni soċjali u l-ugwaljanza kif ukoll fil-bini ta' komunitajiet koeżivi.	(12) Il-Programm jenħtieġ li ***jikkontribwixxi għall-parteċipazzjoni*** fl-isport u l-attività fiżika ta' kulħadd, f'konformità mal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport ***2024-2027***[10]. ***Il-Programm għandu jagħti prijorità lill-proġetti tal-isport għad-dilettanti li jikkontribwixxu għall-inklużjoni soċjali u għall-impjegabbiltà***, b'mod partikolari ***permezz ta' perkorsi tal-karriera doppji***, filwaqt li jitqies ir-rwol importanti li l-isport jaqdi fil-promozzjoni ta' stili ta' ħajja sani, relazzjonijiet interpersonali, l-inklużjoni soċjali u l-ugwaljanza kif ukoll fil-bini ta' komunitajiet koeżivi.
[10] Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (1 ta' Lulju 2024 – 31 ta' Diċembru 2027), (ĠU C, C/2024/3527, 3.6.2024).	[10] Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (1 ta' Lulju 2024 – 31 ta' Diċembru 2027), (ĠU C, C/2024/3527, 3.6.2024).

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) It-trasformazzjoni diġitali biddlet is-soċjetà u l-ekonomija permezz ta' impatt dejjem akbar fuq il-ħajja ta' kuljum u wriet il-ħtieġa ta' livelli ogħla ta' prontezza diġitali u kapaċità fejn jidħlu l-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll il-ħtieġa urġenti tal-iżvilupp tal-ħiliet diġitali għal kull persuna fl-Unjoni.	(13) It-trasformazzjoni diġitali biddlet is-soċjetà u l-ekonomija permezz ta' impatt dejjem akbar ***tat-teknoloġiji diġitali u l-Intelliġenza Artifiċjali*** fuq il-ħajja ta' kuljum u wriet il-ħtieġa ta' livelli ogħla ta' prontezza diġitali u kapaċità fejn jidħlu l-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll il-ħtieġa urġenti tal-iżvilupp tal-ħiliet diġitali għal kull persuna fl-Unjoni. ***Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali bażiċi għall-44 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni li m'għandhomx dawn il-ħiliet, filwaqt li jagħti spinta lill-iżvilupp tal-kompetenzi diġitali f'ambjenti ta' apprendiment formali, mhux formali u informali. Il-ħiliet diġitali bażiċi huma kruċjali kemm għall-impjegabbiltà kif ukoll għall-iżvilupp personali, għall-parteċipazzjoni demokratika u għall-inklużjoni soċjali tul il-ħajja.***

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Id-dimensjoni internazzjonali tal-Programm jenħtieġ li jkollha l-għan li toffri opportunitajiet għall-mobbiltà tal-apprendiment, għall-kooperazzjoni u għad-djalogu ta' politika ma' pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, billi tibbaża fuq l-esperjenza tal-programmi predeċessuri, inkluż biex tikkontribwixxi għall-kompetittività tal-Unjoni, filwaqt li tiżgura l-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà ekonomika tal-Unjoni. Sabiex jiżdied l-impatt ta' dawk l-attivitajiet, importanti li jissaħħu s-sinerġiji bejn il-Programm u l-Ewropa Globali, filwaqt li jitqies it-tkabbir tal-Unjoni, l-istrateġija Global Gateway u l-oqfsa ta' politika marbuta mal-edukazzjoni u t-taħriġ, maż-żgħażagħ u	(15) Id-dimensjoni internazzjonali tal-Programm jenħtieġ li jkollha l-għan li toffri ***aktar*** opportunitajiet għall-mobbiltà tal-apprendiment, għall-kooperazzjoni u għad-djalogu ta' politika ma' pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, billi tibbaża fuq l-esperjenza tal-programmi predeċessuri, inkluż biex tikkontribwixxi ***għall-progress soċjali u l-innovazzjoni inklużiva, għas-sħubijiet, għall-involviment taċ-ċittadini, għas-solidarjetà globali u*** għall-kompetittività tal-Unjoni, filwaqt li tiżgura l-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà ekonomika ***u tal-għarfien*** tal-Unjoni ***u r-rispett għall-valuri tagħha***. Sabiex jiżdied l-impatt ta' dawk l-attivitajiet, importanti li jissaħħu s-sinerġiji bejn il-Programm u l-

mal-isport.	Ewropa Globali, filwaqt li jitqies it-tkabbir tal-Unjoni, l-istrateġija Global Gateway u l-oqfsa ta' politika marbuta mal-edukazzjoni u t-taħriġ, maż-żgħażagħ u mal-isport. ***Tali kooperazzjoni jenħtieġ li tippromwovi wkoll sistemi komprensivi ta' apprendiment tul il-ħajja madwar id-dinja, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-apprendiment mhux formali u informali, inkluż l-apprendiment preċedenti.***

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Il-Programm jenħtieġ li jqarreb lill-pajjiżi kandidati u lill-kandidati potenzjali lejn l-għan tagħhom li jaderixxu mal-Unjoni. Il-Programm jenħtieġ li jippromwovi l-istabbiltà, is-sħubijiet u l-iżvilupp tal-ħiliet ma' pajjiżi fil-viċinat usa', inkluż billi jsaħħaħ ir-rabtiet mar-reġjun tal-Mediterran. Permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi oħra madwar id-dinja, il-Programm jenħtieġ li ***jattira wkoll talenti minn madwar id-dinja***, u ***jsawwar is-sħubijiet b'mod partikolari għall-promozzjoni tal-kompetittività tal-Unjoni***. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa lill-pajjiżi fl-immodernizzar tal-istituzzjonijiet u tal-organizzazzjonijiet tagħhom u, b'mod aktar ġenerali, fit-tisħiħ tal-kwalità u tal-inklużività tal-edukazzjoni, tat-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport permezz ta' sħubijiet internazzjonali.	(16) Il-Programm jenħtieġ li jqarreb lill-pajjiżi kandidati u lill-kandidati potenzjali lejn l-għan tagħhom li jaderixxu mal-Unjoni. Il-Programm jenħtieġ li jippromwovi l-istabbiltà, is-sħubijiet u l-iżvilupp tal-ħiliet ma' pajjiżi fil-viċinat usa', inkluż billi jsaħħaħ ir-rabtiet mar-reġjun tal-Mediterran***, b'mod li jappoġġa l-koeżjoni soċjali, il-konverġenza soċjali 'l fuq u t-tisħiħ tas-sistemi tal-edukazzjoni pubblika u tas-sistemi taż-żgħażagħ***. Permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi oħra madwar id-dinja, il-Programm jenħtieġ li ***jsawwar is-sħubijiet, u l-iskambju tal-istudenti, l-istudenti adulti u l-persunal li jaħdem fl-edukazzjoni u t-taħriġ u l-progress soċjali u l-innovazzjoni inklużiva tal-Unjoni***, ***filwaqt li jippromwovi mobbiltà ġusta*** u ***ċirkolari għall-istudenti u għall-persunal, jevita d-dumping soċjali u jiżgura mobbiltà ġusta u protezzjoni soċjali adegwata għall-istudenti, il-ħaddiema u l-voluntiera***. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa lill-pajjiżi fl-immodernizzar tal-istituzzjonijiet u tal-organizzazzjonijiet tagħhom u, b'mod aktar ġenerali, fit-tisħiħ tal-kwalità u tal-inklużività tal-edukazzjoni, tat-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport permezz ta' sħubijiet

internazzjonali***, b'rispett sħiħ għall-valuri tal-Unjoni, id-drittijiet tal-bniedem, il-libertà akkademika u l-istandards internazzjonali tax-xogħol. Il-politiki li għandhom l-għan li jattiraw u jżommu t-talent jenħtieġ li jevitaw li jsaħħu n-nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi, il-kompetizzjoni eċċessiva jew il-kuntrattwalizzazzjoni fuq terminu qasir fis-setturi tal-edukazzjoni u r-riċerka. L-ugwaljanza sostantiva tirrikjedi li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi fl-aċċess għal impjieg stabbli, opportunitajiet ta' taħriġ u progressjoni tal-karriera, b'mod partikolari għan-nisa, il-persuni b'diżabbiltà, il-migranti u l-ħaddiema żgħażagħ.***

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-implimentazzjoni tal-Programm jenħtieġ li tkun iggwidata mill-prinċipji u l-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza u l-istat tad-dritt, u s-solidarjetà, kif minqux rispettivament fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u msemmi fil-preambolu tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, huwa essenzjali li kull parti involuta fil-Programm tirrispetta dawk il-prinċipji u l-valuri. Il-Programm jenħtieġ li jirrispetta wkoll il-prinċipji stabbiliti fil-Linji Gwida tal-UE tal-2017 għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal u fl-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà kif ukoll l-istrateġiji tal-Unjoni tal-Ugwaljanza.	(17) L-implimentazzjoni tal-Programm jenħtieġ li tkun iggwidata mill-prinċipji u l-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza u l-istat tad-dritt, u s-solidarjetà, kif minqux rispettivament fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u msemmi fil-preambolu tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, huwa essenzjali li kull parti involuta fil-Programm tirrispetta dawk il-prinċipji u l-valuri. ***Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, b'mod partikolari fl-Artikolu 8 tagħha (il-protezzjoni tad-data personali), l-Artikolu 11 (il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni), l-Artikolu 13 (il-libertà tal-arti u x-xjenzi, inkluża l-libertà akkademika), l-Artikolu 14 (id-dritt għall-edukazzjoni), l-Artikolu 15 (il-libertà professjonali u dritt għax-xogħol), l-***

Artikoli 20 u 21 (l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni), l-Artikolu 22 (id-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika), l-Artikolu 23 (l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel), l-Artikolu 24 (id-drittijiet tat-tfal), l-Artikolu 26 (id-drittijiet tal-persuni diżabbli), l-Artikolu 31 (kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa), l-Artikolu 33 (il-ħajja tal-familja u professjonali) u l-Artikoli 39 sa 46 (id-drittijiet taċ-ċittadini). Il-Programm jenħtieġ li jirrispetta wkoll il-prinċipji stabbiliti fil-Linji Gwida tal-UE tal-2017 għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal u fl-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà kif ukoll l-istrateġiji tal-Unjoni tal-Ugwaljanza. ***Jenħtieġ li l-ebda fond tal-Unjoni ma jiġi allokat lil entitajiet jew attivitajiet li jdgħajfu l-libertà akkademika, id-drittijiet tax-xogħol, in-nondiskriminazzjoni jew id-drittijiet minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (tal-persuni b'diżabbiltà, il-migranti u r-refuġjati). L-organizzazzjonijiet u l-awtoritajiet maniġerjali jenħtieġ li jiżguraw ir-rispett tal-valuri msemmija hawn fuq mill-parteċipanti u l-benefiċjarji. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jappoġġa (jappoġġa wkoll) il-prinċipju tal-governanza demokratika tas-sistemi edukattivi u l-istituzzjonijiet edukattivi u ta' taħriġ billi jiżgura d-dritt għall-organizzazzjoni għall-istudenti u l-persunal u billi jirrispetta d-djalogu soċjali u l-ftehimiet kollettivi. Jenħtieġ li l-aċċess għall-Programm ikun ikkundizzjonat fuq ir-rispett ta' dawn id-drittijiet, il-valuri u l-prinċipji mill-benefiċjarji. Barra minn hekk, is-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati oħra fil-qasam tal-politika tal-edukazzjoni u t-taħriġ jenħtieġ li jkunu involuti mill-qrib fl-implimentazzjoni tal-Programm.***

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Il-Programm jenħtieġ li joffri opportunitajiet aċċessibbli, inklużivi u sikuri għaż-żgħażagħ u għall-organizzazzjonijiet biex juru solidarjetà, b'hekk jgħinhom jappoġġaw lill-komunitajiet u jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà, filwaqt li ***jiksbu*** esperjenza u ħiliet siewja għat-tkabbir personali u ***l-impjegabbiltà*** tagħhom.	(19) Il-Programm jenħtieġ li joffri opportunitajiet aċċessibbli, inklużivi u sikuri għaż-żgħażagħ u għall-organizzazzjonijiet biex juru solidarjetà, b'hekk jgħinhom jappoġġaw lill-komunitajiet u jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà, filwaqt li ***jipprovdilhom*** esperjenza u ħiliet siewja għat-tkabbir personali u ***l-iżvilupp professjonali*** tagħhom.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) Il-Programm jenħtieġ li jagħti attenzjoni partikolari liż-żgħażagħ li jgħixu f'żoni rurali, reġjuni strutturalment żvantaġġati, żoni transfruntiera, reġjuni ultraperiferiċi, u pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej milquta mid-depopolazzjoni. Għal dan l-għan, għandu jħeġġeġ inizjattivi li jippromwovu l-iżvilupp tal-ħiliet, l-intraprenditorija, u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi f'dawk ir-reġjuni, u jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-koeżjoni territorjali u jiżgura li ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jagħżlu li jibqgħu u jiżviluppaw il-pjanijiet ta' ħajjithom fil-komunitajiet ta' oriġini tagħhom.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 19b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19b) Il-Programm jenħtieġ li jagħti attenzjoni partikolari liż-żgħażagħ li jgħixu f'żoni rurali, reġjuni strutturalment żvantaġġati, żoni transfruntiera, reġjuni ultraperiferiċi, u pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej milquta mid-depopolazzjoni. Għal dan l-għan, għandu jħeġġeġ inizjattivi li jippromwovu l-iżvilupp tal-ħiliet, l-intraprenditorija, u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi f'dawk ir-reġjuni, u jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-koeżjoni territorjali u jiżgura li ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jagħżlu li jibqgħu u jiżviluppaw il-pjanijiet ta' ħajjithom fil-komunitajiet ta' oriġini tagħhom.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) Il-volontarjat, inkluż f'organizzazzjonijiet tal-protezzjoni ċivili u ta' rispons għall-emerġenzi, bħas-servizzi tat-tifi tan-nar u ta' salvataġġ, huwa kontribut essenzjali għar-reżiljenza u għall-koeżjoni soċjali tal-Ewropa. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa opportunitajiet ta' mobbiltà għall-apprendiment u t-taħriġ aċċessibbli għall-voluntiera u l-organizzazzjonijiet attivi f'dawn l-oqsma, b'mod partikolari biex jisaħħu l-preparatezza, is-solidarjetà u l-involviment tal-komunità fuq livell transfruntier.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Iż-żgħażagħ, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet, jenħtieġ li jkomplu jingħataw l-opportunità li jkollhom l-ewwel esperjenza ta' vvjaġġar madwar l-Ewropa bħala parti minn attività edukattiva informali u mhux formali li għandha l-għan li trawwem is-sens ta' appartenenza tagħhom fl-Unjoni u li tippermettilhom jiskopru d-diversità kulturali u lingwistika tagħha.	(22) Iż-żgħażagħ, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet, jenħtieġ li jkomplu jingħataw l-opportunità li jkollhom l-ewwel esperjenza ta' vvjaġġar madwar l-Ewropa bħala parti minn attività edukattiva informali u mhux formali li għandha l-għan li trawwem is-sens ta' appartenenza tagħhom fl-Unjoni u li tippermettilhom jiskopru d-diversità kulturali u lingwistika tagħha. ***Dan jenħtieġ li jiġi ffaċilitat permezz ta' appoġġ finanzjarju mmirat li jkopri l-kostijiet reali tal-għajxien, inklużi l-akkomodazzjoni, it-trasport, il-kura tas-saħħa u l-ħtiġijiet tal-aċċessibbiltà. Il-Programm jenħtieġ li jiġi operat b'mod li jiżgura opportunitajiet indaqs għaż-żgħażagħ kollha eliġibbli.***

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Fil-qasam tal-isport, permezz tal-opportunitajiet ta' mobbiltà u l-bini tal-kapaċitajiet, inkluż il-kooperazzjoni, il-Programm jenħtieġ li jrawwem valuri Ewropej komuni, il-volontarjat kif ukoll l-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet fl-isport u permezz tiegħu. Il-Programm jenħtieġ li jippromwovi wkoll il-governanza tajba, is-sikurezza u l-integrità fl-isport u d-diplomazija bl-isport, jappoġġa lill-organizzazzjonijiet tal-isport għad-dilettanti kif ukoll joffri liż-żgħażagħ minn madwar l-Ewropa kollha l-opportunità li jipparteċipaw f'inizjattivi sportivi transfruntieri, b'hekk irawwem it-tkabbir personali, l-iskambju kulturali, is-solidarjetà u l-involviment fil-komunità.	(23) Fil-qasam tal-isport, permezz tal-opportunitajiet ta' mobbiltà u l-bini tal-kapaċitajiet, inkluż il-kooperazzjoni, il-Programm jenħtieġ li jrawwem valuri Ewropej komuni, il-volontarjat kif ukoll l-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet fl-isport u permezz tiegħu. Il-Programm jenħtieġ li jippromwovi wkoll il-governanza tajba, is-sikurezza u l-integrità fl-isport u d-diplomazija bl-isport, jappoġġa lill-organizzazzjonijiet tal-isport għad-dilettanti kif ukoll joffri liż-żgħażagħ minn madwar l-Ewropa kollha l-opportunità li jipparteċipaw f'inizjattivi sportivi transfruntieri, b'hekk irawwem it-tkabbir personali, l-iskambju kulturali, is-solidarjetà u l-involviment fil-komunità. ***Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali f'dak il-qasam lill-inklużjoni tal-istudenti***

	b'inqas opportunitajiet u dawk b'diżabbiltà fiżika u mentali.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Il-Programm jagħti kontribuzzjoni ewlenija ***lill-Unjoni tal-Ħiliet u*** liż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, filwaqt li jistabbilixxi l-pedament għall-formazzjoni tal-ħiliet u tal-kompetenzi tul il-ħajja u jipprovdi spazju komuni ġenwin għal edukazzjoni ta' kwalità u apprendiment tul il-ħajja transfruntieri. L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li żżid l-isforzi biex jinkisbu edukazzjoni, taħriġ u apprendiment tul il-ħajja ta' kwalità għolja billi tipprovdi ħiliet bażiċi u avvanzati, tipprovdi opportunitajiet għan-nies biex jaġġornaw regolarment u jakkwistaw ħiliet ġodda u orjentati lejn il-futur, tiffaċilita ċ-ċirkolazzjoni tal-ħiliet u r-reklutaġġ minnaħa tan-negozji ta' madwar l-UE, u tattira, tiżviluppa u żżomm l-aqwa talent fl-Ewropa. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, il-Programm jenħtieġ li jirrifletti wkoll l-importanza tal-edukazzjoni intraprenditorjali u l-litteriżmu finanzjarju.	(24) Il-Programm jagħti kontribuzzjoni ewlenija liż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, ***inkluża l-Unjoni tal-Ħiliet,*** filwaqt li jistabbilixxi l-pedament għall-formazzjoni tal-ħiliet u tal-kompetenzi tul il-ħajja u jipprovdi spazju komuni ġenwin għal edukazzjoni ta' kwalità u apprendiment tul il-ħajja transfruntieri. L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li żżid l-isforzi biex ***takkwista l-għarfien u*** jinkisbu edukazzjoni, taħriġ u apprendiment tul il-ħajja ta' kwalità għolja billi tipprovdi ħiliet bażiċi u avvanzati, tipprovdi opportunitajiet għan-nies biex jaġġornaw regolarment u jakkwistaw ħiliet ġodda u orjentati lejn il-futur, tiffaċilita ċ-ċirkolazzjoni tal-ħiliet u r-reklutaġġ minnaħa tan-negozji ta' madwar l-UE, u tattira, tiżviluppa u żżomm l-aqwa talent fl-Ewropa***. Għandha l-għan ukoll li tipprovdi ħiliet għall-ħajja li huma essenzjali għar-reżiljenza tan-nies u l-kapaċità tagħhom li jippromwovu l-valuri tal-Unjoni bħad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, is-solidarjetà, l-inklużjoni soċjali u d-diversità.*** F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, il-Programm jenħtieġ li jirrifletti wkoll l-importanza tal-edukazzjoni intraprenditorjali u l-litteriżmu finanzjarju.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) Il-programm jenħtieġ li jappoġġa b'mod adegwat lill-persunal tal-edukazzjoni fis-setturi kollha, inklużi l-għalliema, il-ħarrieġa u l-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, b'attenzjoni partikolari għall-professjoni tat-tagħlim bħala grupp fil-mira distint, billi jippromwovi l-attraenza ta' dawn il-professjonijiet, isaħħaħ il-kapaċità organizzattiva fit-tul, jiżgura t-trasferiment ta' prattiki edukattivi innovattivi fis-setturi kollha, u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-implimentazzjoni tal-Aġenda tal-UE għall-Għalliema u l-Ħarrieġa, inkluż billi jsaħħaħ il-ħidma tal-Akkademji tal-Għalliema tal-Erasmus+ u jappoġġa l-iżvilupp tal-politika mmirata lejn it-titjib tar-reklutaġġ u ż-żamma tal-edukaturi u d-diversifikazzjoni tal-profili tal-persunal fl-edukazzjoni u t-taħriġ; jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għat-titjib tal-kwalità u l-inklużività tal-edukazzjoni inizjali u l-iżvilupp professjonali kontinwu, jiżgura l-aċċess għall-mobbiltà bħala komponent rikonoxxut tal-edukazzjoni inizjali tal-għalliema u l-iżvilupp professjonali kontinwu, inkluż permezz ta' miżuri ta' appoġġ xierqa bħal arranġamenti ta' sostituzzjoni, gwida għall-parteċipazzjoni u t-trasferiment tas-salarji u l-benefiċċji soċjali fil-każ tal-mobbiltà fit-tul, u jiżgura l-involviment tal-organizzazzjonijiet tal-għalliema u tat-trade unions fl-organizzazzjoni ta' proġetti u l-implimentazzjoni tal-Programm.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Importanti li jiġi stimulat u mwessa' l-aċċess għall-apprendiment, għat-tagħlim u għar-riċerka dwar ***l-UE***, il-valuri u ċ-ċittadinanza. B'mod partikolari, importanti li jitrawwem sens ta' appartenenza u ***impenn Ewropew***, ***minħabba l-isfidi*** li l-Unjoni ***qiegħda*** tiffaċċja ***llum il-ġurnata***. Il-Programm jenħtieġ li jkompli jikkontribwixxi għall-apprendiment dwar kwistjonijiet marbuta mal-integrazzjoni Ewropea, inkluż l-isfidi u l-opportunitajiet futuri tal-Unjoni, biex jippromwovi d-dibattitu dwar dawk il-kwistjonijiet u l-iżvilupp tal-eċċellenza fl-istudji dwar l-integrazzjoni Ewropea.	(25) Importanti li jiġi stimulat u mwessa' l-aċċess għall-apprendiment, għat-tagħlim u għar-riċerka dwar ***l-Unjoni Ewropea***, il-valuri ***fundamentali tagħha*** u ċ-ċittadinanza ***Ewropea***. B'mod partikolari, importanti li jitrawwem sens ta' appartenenza***, ibbażat fuq ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt*** u ***d-drittijiet tal-bniedem***, ***u impenn fil-kuntest tal-isfidi interni u esterni*** li l-Unjoni ***qiegħdha*** tiffaċċja. Il-Programm jenħtieġ li jkompli jikkontribwixxi għall-apprendiment dwar kwistjonijiet marbuta mal-integrazzjoni Ewropea, inkluż l-isfidi u l-opportunitajiet futuri tal-Unjoni, biex jippromwovi d-dibattitu dwar dawk il-kwistjonijiet u l-iżvilupp tal-eċċellenza fl-istudji dwar l-integrazzjoni Ewropea***, filwaqt li jiżgura li l-attivitajiet ta' apprendiment u riċerka appoġġati fl-ambitu tal-Programm jitwettqu taħt kundizzjonijiet li jirrispettaw id-drittijiet tal-impjieg tal-persunal akkademiku, l-istabbiltà kuntrattwali u l-libertà akkademika***.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) L-apprendiment tal-lingwi jikkontribwixxi għal fehim reċiproku fost in-nies u l-kulturi, u jrawwem il-mobbiltà fl-Unjoni u barra minnha, peress li l-kompetenzi lingwistiċi huma ħiliet essenzjali għall-ħajja u għall-impjiegi. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ l-apprendiment tal-lingwi, ***inkluż, meta jkun rilevanti***, ***il-lingwi*** tas-sinjali nazzjonali. Sabiex jiġi żgurat aċċess wiesa' u inklużiv għall-Programm, importanti li l-	(26) L-apprendiment tal-lingwi jikkontribwixxi għal fehim reċiproku fost in-nies u l-kulturi, u jrawwem il-mobbiltà fl-Unjoni u barra minnha, peress li l-kompetenzi lingwistiċi huma ħiliet essenzjali għall-ħajja u għall-impjiegi. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ l-apprendiment tal-lingwi, ***inklużi l-lingwi*** tas-sinjali nazzjonali, ***formati faċili li jinqraw u teknoloġiji assistivi***. Sabiex jiġi żgurat aċċess wiesa' u inklużiv għall-

multilingwiżmu jkun prinċipju ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Programm.	Programm, importanti li l-multilingwiżmu jkun prinċipju ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Programm. ***Jenħtieġ li tiġi promossa d-diversità lingwistika wkoll permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u r-rikonoxximent tal-għalliema tal-lingwi, il-harrieġa u l-haddiema kulturali involuti fl-edukazzjoni multilingwi.***

Emenda 29

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) L-Ewropa qiegħda tiffaċċja sfida dejjem akbar biex tissodisfa d-domanda għal ***talent*** kwalifikat fis-setturi strateġiċi u li qegħdin jevolvu bħat-teknoloġiji nodfa u ċirkolari, it-trasport, l-enerġija, ir-reżiljenza idrika, il-kura tas-saħħa, it-teknoloġiji diġitali, l-ajruspazju u d-difiża. Sabiex tiġi indirizzata din il-ħtieġa ewlenija, huwa essenzjali li ***jiġu żviluppati, attirati u miżmuma individwi b'talent*** f'dawn l-oqsma. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, il-Programm jenħtieġ li, fost l-oħrajn, jappoġġa lill-istudenti tal-UE biex ikomplu l-istudji tagħhom ***f'tali setturi kritiċi u jattira wkoll l-aqwa talent lejn l-Ewropa*** billi jsaħħaħ l-attraenza tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u joffri boroż ta' studju lill-istudenti, inkluż permezz ta' boroż ta' studju Erasmus Mundus. Dan jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-ħiliet għas-suq tax-xogħol, inkluż għas-setturi li qegħdin jaffaċċjaw nuqqas serju ta' persunal.	(27) L-Ewropa qiegħda tiffaċċja sfida dejjem akbar biex tissodisfa d-domanda għal ***xogħol*** kwalifikat fis-setturi strateġiċi u li qegħdin jevolvu bħat-teknoloġiji nodfa u ċirkolari, it-trasport, l-enerġija, ir-reżiljenza idrika, il-kura tas-saħħa, it-teknoloġiji diġitali ***u l-IA***, l-ajruspazju***, il-kostruzzjoni*** u d-difiża. Sabiex tiġi indirizzata din il-ħtieġa ewlenija, huwa essenzjali li ***jiġi appoġġat l-aċċess tal-individwi għall-edukazzjoni u t-taħriġ*** f'dawn l-oqsma. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, il-Programm jenħtieġ li, fost l-oħrajn, jappoġġa lill-istudenti tal-UE biex ikomplu l-istudji tagħhom ***fis-setturi kollha kif ukoll lil dawk li jixtiequ jistudjaw fl-Ewropa*** billi jsaħħaħ l-attraenza tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u joffri boroż ta' studju lill-istudenti, inkluż permezz ta' boroż ta' studju Erasmus Mundus. Dan jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-ħiliet għas-suq tax-xogħol, inkluż għas-setturi li qegħdin jaffaċċjaw nuqqas serju ta' persunal. ***Impjiegi ta' kwalità, pagi ġusti, traineeships remunerati b'mod ġust, protezzjoni soċjali u negozjar kollettiv huma elementi essenzjali biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet.***

Emenda 30

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Il-kooperazzjoni tippermetti l-iskambju ta' prattiki u l-bini tal-kapaċitajiet, b'hekk twassal għal eżiti u prestazzjoni aħjar kif ukoll għal titjib fl-effiċjenza billi tiġbor ir-riżorsi u l-għarfien flimkien. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa miżuri għall-bini tal-kapaċitajiet li jsaħħu l-kooperazzjoni f'livelli differenti bejn l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet li huma attivi fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport. Dan jirrikonoxxi r-rwol fundamentali tal-istituzzjonijiet u tal-organizzazzjonijiet li jħejju lill-individwi bl-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa f'dinja li qiegħda tinbidel u jgħinu lill-istituzzjonijiet u lill-organizzazzjonijiet attivi fil-qasam jilħqu b'mod adegwat il-potenzjal tagħhom għall-innovazzjoni, għall-kreattività u għall-intraprenditorija, b'mod partikolari fl-ekonomija diġitali.	(28) Il-kooperazzjoni tippermetti l-iskambju ta' prattiki***, innovazzjoni*** u l-bini tal-kapaċitajiet, b'hekk twassal għal eżiti u prestazzjoni aħjar kif ukoll għal titjib fl-effiċjenza billi tiġbor ir-riżorsi u l-għarfien flimkien. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa miżuri għall-bini tal-kapaċitajiet li jsaħħu l-kooperazzjoni f'livelli differenti bejn l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet li huma attivi fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport. Dan jirrikonoxxi r-rwol fundamentali tal-istituzzjonijiet u tal-organizzazzjonijiet li jħejju lill-individwi bl-għarfien, il-ħiliet***, l-attitudnijiet*** u l-kompetenzi meħtieġa f'dinja li qiegħda tinbidel u jgħinu lill-istituzzjonijiet u lill-organizzazzjonijiet attivi fil-qasam jilħqu b'mod adegwat il-potenzjal tagħhom għall-innovazzjoni, għall-kreattività u għall-intraprenditorija, b'mod partikolari fl-ekonomija diġitali. ***F'allinjament mal-objettivi tal-Unjoni tal-Ħiliet, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-pilotaġġ ta' spazji ta' apprendiment komunitarju, u b'hekk irawwem il-kollaborazzjoni bejn il-firxa diversa ta' partijiet ikkonċernati meħtieġa biex jintlaħaq l-għan li jiġu pilotati spazji ta' apprendiment komunitarju.***

Emenda 31

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-kooperazzjoni strateġika fit-tul fil-livell istituzzjonali għall-iżvilupp tal-eċċellenza***, tal-kompetittività*** u tal-attraenza u għall-	(29) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-kooperazzjoni strateġika fit-tul fil-livell istituzzjonali għall-iżvilupp tal-eċċellenza u tal-attraenza u għall-ġenerazzjoni ta'

ġenerazzjoni ta’ trasformazzjoni sostenibbli u sistemika tal-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport, f’konformità mal-prijoritajiet tal-UE, inkluż billi jaġixxi bħala ambjenti tal-ittestjar għal strumenti innovattivi għall-edukazzjoni, għat-taħriġ u għall-żvilupp tal-ħiliet, filwaqt li jappoġġa l-kooperazzjoni man-negozji u mal-industrija. Il-Programm jenħtieġ li jkompli jappoġġa l-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u tal-Istati Membri favur it-tneħħija tal-ostakli li fadal għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali u l-multiplikazzjoni tal-offerta tal-programmi ta’ studju konġunti tranżnazzjonali, b’hekk jikkontribwixxu għal Lawrja Ewropea konġunta[11].

[11] Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar tikketta ta’ lawrja Ewropea konġunta u l-passi li jmiss lejn lawrja Ewropea konġunta possibbli: nagħtu spinta lill-kompetittività tal-Ewropa u l-attrattività tal-edukazzjoni għolja Ewropea. (ĠU C, C/2025/2939, 22.5.2025).

trasformazzjoni sostenibbli u sistemika tal-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport, f’konformità mal-prijoritajiet tal-UE, inkluż billi jaġixxi bħala ambjenti tal-ittestjar għal strumenti innovattivi għall-edukazzjoni, għat-taħriġ u għall-żvilupp tal-ħiliet, filwaqt li jappoġġa l-kooperazzjoni man-negozji u mal-industrija. Il-Programm jenħtieġ li jkompli jappoġġa l-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u tal-Istati Membri favur it-tneħħija tal-ostakli li fadal għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali***, speċjalment għall-kurrikuli tal-VET u l-mobbiltà tal-istudenti tal-VET,*** u l-multiplikazzjoni tal-offerta tal-programmi ta’ studju konġunti tranżnazzjonali, b’hekk jikkontribwixxu għal Lawrja Ewropea konġunta[11].

[11] Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar tikketta ta’ lawrja Ewropea konġunta u l-passi li jmiss lejn lawrja Ewropea konġunta possibbli: nagħtu spinta lill-kompetittività tal-Ewropa u l-attrattività tal-edukazzjoni għolja Ewropea. (ĠU C, C/2025/2939, 22.5.2025).

Emenda 32

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-missjoni ewlenija fil-qasam tal-edukazzjoni tal-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej biex jippermetti impatt sistemiku miksub b’mod aktar effiċjenti permezz ta’ azzjoni fit-tul fil-livell tal-Unjoni, b’mod partikolari biex tissaħħaħ l-eċċellenza, titnaqqas il-frammentazzjoni u tiżdied l-attraenza u l-inklużività tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja tal-UE, jiġu żviluppati strumenti innovattivi biex tiżdied il-kwalità tal-apprendiment u tat-tagħlim u jiġu	(30) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-missjoni ewlenija fil-qasam tal-edukazzjoni tal-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej***, taċ-Ċentri ta’ Eċċellenza Vokazzjonali u tal-Akkademji tal-Għalliema tal-Erasmus+*** biex jippermetti impatt sistemiku miksub b’mod aktar effiċjenti permezz ta’ azzjoni fit-tul fil-livell tal-Unjoni, b’mod partikolari biex tissaħħaħ l-eċċellenza, titnaqqas il-frammentazzjoni u tiżdied l-attraenza u l-inklużività tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja ***u tal-VET*** tal-UE, jiġu

żviluppati ħiliet u kompetenzi orjentati lejn il-futur (bħall-IA, iċ-ċibersigurtà, is-sostenibbiltà, ***l-iSTEM***), inkluż is-setturi diġà identifikati fl-Unjoni tal-Ħiliet, permezz ta' kurrikuli rilevanti li jibqgħu validi fil-futur, l-innovazzjoni pedagoġika, il-lawrji konġunti, l-apprendiment tul il-ħajja u ***l-mikrokredenzjali***, biex jitrawwem u jiġi attirat it-talent u tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni tranżnazzjonali fl-edukazzjoni, inkluż man-negozju u mal-industrija.	żviluppati strumenti innovattivi biex tiżdied il-kwalità tal-apprendiment u tat-tagħlim u jiġu żviluppati ħiliet u kompetenzi orjentati lejn il-futur (bħall-IA, iċ-ċibersigurtà, is-sostenibbiltà, ***l-iSTEAM***), inkluż is-setturi diġà identifikati fl-Unjoni tal-Ħiliet, permezz ta' kurrikuli rilevanti li jibqgħu validi fil-futur, l-innovazzjoni pedagoġika, il-lawrji konġunti, l-apprendiment tul il-ħajja***, il-mikrokredenzjali*** u ***l-kontijiet individwali tal-apprendiment***, biex jitrawwem u jiġi attirat it-talent u tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni tranżnazzjonali fl-edukazzjoni, inkluż man-negozju u mal-industrija.

Emenda 33

Proposta għal regolament
Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30a) Il-programm jenħtieġ li jkompli jappoġġa l-azzjonijiet Jean Monnet, li jippromwovu l-eċċellenza fit-tagħlim u r-riċerka dwar l-integrazzjoni Ewropea, irawmu l-għarfien dwar l-Unjoni u l-funzjonament tagħha, u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-identità Ewropea, iċ-ċittadinanza attiva u l-parteċipazzjoni demokratika. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi rekwiżiti ta' monitoraġġ u rapportar adegwati, trasparenti u sempliċi biex timmonitorja l-attivitajiet, il-progress, l-għanijiet ta' prestazzjoni u l-valur miżjud tal-Istituzzjonijiet Maħtura ta' Jean Monnet, li jenħtieġ li jżommu l-istatus u l-prospetti tagħhom mingħajr skop ta' qligħ u jibqgħu responsabbli u trasparenti. Tali monitoraġġ u rappurtar jenħtieġ li jsiru waqt li l-programm ikun għaddej u ex post.

Emenda 34

Proposta għal regolament

Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Il-pjattaformi u l-għodod online faċli għall-utent għall-kooperazzjoni virtwali jistgħu jaqdu rwol importanti fl-appoġġ għall-forniment tal-edukazzjoni u t-taħriġ u għall-politika dwar iż-żgħażagħ fl-Ewropa u lil hinn minnha. Sabiex jiżdied l-użu ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni virtwali, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa użu aktar sistematiku u koerenti tal-pjattaformi online. Jenħtieġ li jiffaċilita u jappoġġa wkoll il-proċessi tal-mobbiltà permezz tad-diġitalizzazzjoni.	(32) Il-pjattaformi u l-għodod online faċli għall-utent għall-kooperazzjoni virtwali jistgħu jaqdu rwol importanti fl-appoġġ għall-forniment tal-edukazzjoni u t-taħriġ u għall-politika dwar iż-żgħażagħ fl-Ewropa u lil hinn minnha. Sabiex jiżdied l-użu ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni virtwali, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa użu aktar sistematiku u koerenti tal-pjattaformi online. Jenħtieġ li jiffaċilita u jappoġġa wkoll il-proċessi tal-mobbiltà permezz tad-diġitalizzazzjoni. ***filwaqt li jiżgura l-aċċessibbiltà ta' dawn il-proċessi għall-applikanti b'diżabbiltà. Jenħtieġ li jiffaċilita wkoll kontinwament l-iżvilupp ta' pjattaformi u għodod online billi jinkorpora mekkaniżmu strutturali għall-feedback mill-utenti, sabiex dawn jiġu mfassla apposta biex jissodisfaw ir-realtajiet fil-prattika u l-ħtiġijiet ta' simplifikazzjoni.***

Emenda 35

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Il-Programm jenħtieġ li jitfassal biex jippromwovi l-inklużjoni, id-diversità u l-opportunitajiet indaqs billi jwessa' l-aċċess għall-mobbiltà, għall-volontarjat u għall-apprendiment fl-Unjoni u lil hinn minnha, b'hekk jippermetti lin-nies kollha jibbenefikaw bis-sħiħ minn esperjenza trasformattiva.	(33) Il-Programm jenħtieġ li jitfassal biex jippromwovi l-inklużjoni, id-diversità u l-opportunitajiet indaqs billi jwessa' l-aċċess għall-mobbiltà ***sostenibbli***, għall-volontarjat u għall-apprendiment fl-Unjoni u lil hinn minnha, b'hekk jippermetti lin-nies kollha jibbenefikaw bis-sħiħ minn esperjenza trasformattiva***, irrispettivament mill-isfond soċjoekonomiku, l-istatus tal-impjieg, id-diżabbiltà, il-post ta' residenza jew ostakli strutturali oħra li jistgħu jillimitaw il-parteċipazzjoni***.

Emenda 36

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Il-Programm jenħtieġ li jipprevedi sett ta' miżuri biex jiffaċilita u jtejjeb l-aċċess għall-persuni b'inqas opportunitajiet, biex ineħħi l-ostakli li jistgħu jipprevjenu tali aċċess, inkluż dawk finanzjarji, u biex iservi bħala bażi għal gwida ulterjuri għall-implimentazzjoni. Dawk il-miżuri jinkludu, fost l-oħrajn, appoġġ finanzjarju mmirat, formati ta' apprendiment aċċessibbli, appoġġ għall-akkomodazzjoni, attivitajiet preparatorji u appoġġ għall-parteċipanti b'inqas opportunitajiet qabel, matul u wara l-parteċipazzjoni tagħhom fil-Programm, dokumenti faċli għall-utent u aċċessibbli disponibbli b'lingwi differenti, attivitajiet ta' appoġġ għall-persunal li jittratta speċifikament l-inklużjoni u d-diversità fl-organizzazzjonijiet u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni fost il-parteċipanti potenzjali b'inqas opportunitajiet, inkluż f'żoni rurali u remoti. Barra minn hekk, il-Programm jenħtieġ li ***jippermetti li,*** fil-proċess tal-aġġudikazzjoni tal-għotjiet, ***tingħata*** prijorità lil proġetti ta' kwalità li jindirizzaw b'mod attiv l-inklużjoni u l-involviment tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet.	(34) Il-Programm jenħtieġ li jipprevedi sett ta' miżuri biex jiffaċilita u jtejjeb l-aċċess għall-persuni b'inqas opportunitajiet, biex ineħħi l-ostakli li jistgħu jipprevjenu tali aċċess, inkluż dawk finanzjarji, u biex iservi bħala bażi għal gwida ulterjuri għall-implimentazzjoni. Dawk il-miżuri jinkludu, fost l-oħrajn, appoġġ finanzjarju mmirat, ***b'kunsiderazzjoni tad-differenza bejn il-kostijiet tal-ħajja reali u ta' sussistenza, il-*** formati ta' apprendiment aċċessibbli, appoġġ għall-akkomodazzjoni, attivitajiet preparatorji u appoġġ għall-parteċipanti b'inqas opportunitajiet qabel, matul u wara l-parteċipazzjoni tagħhom fil-Programm, dokumenti faċli għall-utent u aċċessibbli disponibbli b'lingwi differenti, attivitajiet ta' appoġġ għall-persunal li jittratta speċifikament l-inklużjoni u d-diversità fl-organizzazzjonijiet u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni fost il-parteċipanti potenzjali b'inqas opportunitajiet, inkluż f'żoni rurali***, insulari*** u remoti. Barra minn hekk, il-Programm jenħtieġ li fil-proċess tal-aġġudikazzjoni tal-għotjiet, ***jagħti*** prijorità lil proġetti ta' kwalità li jindirizzaw b'mod attiv l-inklużjoni u l-involviment tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet***, u jiżgura l-finanzjament adegwat u l-istabbiltà ta' tali miżuri***.

Emenda 37

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Sabiex il-Programm isir aktar aċċessibbli għall-organizzazzjonijiet il-	(35) Sabiex il-Programm isir aktar aċċessibbli għall-organizzazzjonijiet il-

ġodda u għall-organizzazzjonijiet b'kapaċità amministrattiva iżgħar, u biex il-benefiċjarji jsibuha aktar faċli biex jiġġestuh, il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ il-miżuri għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri fl-istadji kollha.	ġodda u għall-organizzazzjonijiet b'kapaċità amministrattiva iżgħar, u biex il-benefiċjarji jsibuha aktar faċli biex jiġġestuh, il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ il-miżuri għas-simplifikazzjoni ***u d-diġitalizzazzjoni*** tal-proċeduri fl-istadji kollha***, filwaqt li jiżgura appoġġ li jippermetti lill-organizzazzjonijiet eliġibbli kollha, irrispettivament mid-daqs tagħhom, jipparteċipaw b'mod effettiv fl-azzjonijiet tal-Programm, filwaqt li jiżgura li s-simplifikazzjoni ma tnaqqasx l-aċċessibbiltà għal fornituri tal-edukazzjoni informali u mhux formali, dawk ibbażati fil-komunità u dawk adulti***.

Emenda 38

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Fid-dawl tad-diversità tal-oqsma koperti mill-Programm, jenħtieġ li tinżamm l-ambizzjoni għaż-żgħażagħ u għall-isport li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-objettivi tal-Programm u li jilħqu l-gruppi fil-mira tiegħu.	(37) Fid-dawl tad-diversità tal-oqsma koperti mill-Programm, jenħtieġ li tinżamm l-ambizzjoni għaż-żgħażagħ u għall-isport li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-objettivi tal-Programm u li jilħqu l-gruppi fil-mira tiegħu ***u li din issir operazzjonali permezz ta' trasparenza baġitarja ċara u linji baġitarji dedikati tal-Unjoni (1) għall-edukazzjoni u t-taħriġ, (2) għaż-żgħażagħ u (3) għall-isport***. ***Tali viżibbiltà baġitarja ssaħħaħ it-trasparenza, l-akkontabbiltà u s-sigurtà tal-ippjanar għall-benefiċjarji, tirrifletti l-oqfsa ta' politika distinti u l-gruppi fil-mira ta' kull settur, u tappoġġa l-implimentazzjoni effettiva tal-istrateġiji rilevanti tal-Unjoni, inkluż l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ u d-dimensjoni Ewropea fl-isport. Tgħin ukoll biex tiġi evitata kompetizzjoni kontroproduttiva bejn is-setturi, tiżgura li l-Programm jibqa' bbilanċjat u aċċessibbli, u tissalvagwardja l-karattru soċjali u edukattiv tal-ħidma fost iż-żgħażagħ u l-isport għad-dilettanti, kif ukoll***

kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-persunal u l-voluntiera involuti.

Emenda 39

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] japplika għal dan il-Programm. Dan jistipula r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inkluż ir-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, id-donazzjonijiet mhux finanzjarji, l-akkwist, il-ġestjoni indiretta, l-assistenza finanzjarja, l-istrumenti finanzjarji, il-garanziji baġitarji u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.	(38) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] japplika għal dan il-Programm. Dan jistipula r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inkluż ir-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, id-donazzjonijiet mhux finanzjarji, l-akkwist, il-ġestjoni indiretta, l-assistenza finanzjarja, l-istrumenti finanzjarji, il-garanziji baġitarji u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni***, li jenħtieġ li jiġu applikati b'mod proporzjonat u f'kompatibbiltà sħiħa mal-obbjettivi soċjali u ta' inklużjoni tal-Programm***.
[12] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024).	[12] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024).

Emenda 40

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Sabiex jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-benefiċjarji, jenħtieġ li jintużaw kemm jista' jkun opzjonijiet tal-kostijiet issimplifikati fil-forma ta' somom f'daqqa, ta' kostijiet unitarji u ta' rati fissi. L-opzjonijiet tal-kostijiet issimplifikati biex jappoġġaw il-mobbiltà tal-apprendiment fl-	(40) Sabiex jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-benefiċjarji, jenħtieġ li jintużaw kemm jista' jkun opzjonijiet tal-kostijiet issimplifikati fil-forma ta' somom f'daqqa, ta' kostijiet unitarji u ta' rati fissi***, dment li dawn ikunu bbażati fuq metodoloġiji ċari, trasparenti u bbażati fuq l-evidenza***. L-

ambitu tal-Programm jenħtieġ li jqisu ***l-kostijiet*** tal-għajxien u tas-sussistenza fil-pajjiż ospitanti***. F'konformità mad-dritt nazzjonali***, ***l-Istati Membri jenħtieġ*** li ***jitħeġġu*** jeżentaw dawk l-għotjiet minn kwalunkwe taxxa ***u*** imposta soċjali; l-għotjiet li jiġu aġġudikati lill-individwi minn entitajiet legali pubbliċi jew privati jenħtieġ li jiġu ttrattati l-istess.

opzjonijiet tal-kostijiet issimplifikati biex jappoġġaw il-mobbiltà tal-apprendiment fl-ambitu tal-Programm jenħtieġ li jqisu ***l-kost reali tal-mobbiltà meta jiġu definiti l-allowances tal-ivvjaġġar,*** tal-għajxien u tas-sussistenza fil-pajjiż ospitanti***, sabiex jiġu evitati d-diffikultajiet finanzjarji***, ***il-faqar fost dawk*** li ***jaħdmu jew l-aċċess inugwali bbażati fuq l-isfond soċjoekonomiku. L-Istati Membri huma mħeġġa*** jeżentaw dawk l-għotjiet minn kwalunkwe taxxa ***jew*** imposta soċjali***, sabiex jippromwovu aċċess ugwali, inklużjoni soċjali jew kundizzjonijiet tal-għajxien deċenti għall-parteċipanti***; l-għotjiet li jiġu aġġudikati lill-individwi minn entitajiet legali pubbliċi jew privati jenħtieġ li jiġu ttrattati l-istess. ***Minbarra l-allowances tal-ivvjaġġar, tal-għajxien u tas-sussistenza, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa t-trasferibbiltà jew il-kumpens tas-salarji u l-benefiċċji soċjali tal-parteċipanti fejn applikabbli. Dan huwa partikolarment rilevanti fil-każ tal-mobbiltà fit-tul.***

Emenda 41

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) F'konformità mal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Programm jenħtieġ li jqis is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi msemmija f'dak l-Artikolu, inkluż miżuri biex tiġi ***ffaċilitata*** l-parteċipazzjoni tagħhom fil-Programm.	(42) F'konformità mal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Programm jenħtieġ li jqis is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi msemmija f'dak l-Artikolu, inkluż miżuri biex tiġi ***finanzjarjament iffaċilitata*** l-parteċipazzjoni tagħhom fil-Programm ***u biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali, relatati mal-impjieg u tal-għoli tal-ħajja li jiffaċċjaw il-parteċipanti u l-benefiċjarji f'dawk ir-reġjuni***.

Emenda 42

Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Bil-ħsieb li jiġi ottimizzat il-valur miżjud u jiżdiedu l-iskala u l-impatt tal-investimenti, jenħtieġ li jsir sforz sabiex jinħolqu sinerġiji, b'mod partikolari bejn il-Programm u l-istrumenti l-oħra ta' finanzjament tal-Unjoni, inkluż permezz ta' mekkaniżmi abilitanti. Il-Programm jenħtieġ li jimmira wkoll għal sinerġiji li jsaħħu l-kollaborazzjoni bejn ***l-edukazzjoni*** u ***s-settur*** privat.	(45) Bil-ħsieb li jiġi ottimizzat il-valur miżjud u jiżdiedu l-iskala u l-impatt tal-investimenti, jenħtieġ li jsir sforz sabiex jinħolqu sinerġiji, b'mod partikolari bejn il-Programm u l-istrumenti l-oħra ta' finanzjament tal-Unjoni, ***bħall-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, AgoraEU u l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali,*** inkluż permezz ta' mekkaniżmi abilitanti. Il-Programm jenħtieġ li jimmira wkoll għal sinerġiji li jsaħħu l-kollaborazzjoni bejn ***sistemi tal-edukazzjoni*** u ***t-taħriġ, u ma' partijiet ikkonċernati oħra attivi fis-settur*** privat***, fil-komunitajiet fejn joperaw l-istituzzjonijiet edukattivi u ta' taħriġ u t-tielet settur, dment li din il-kollaborazzjoni tirrispetta l-interess pubbliku, il-libertà akkademika u l-istandards tax-xogħol, u ma twassalx għal influwenza kummerċjali indebita jew impjieg prekarju***.

Emenda 43

Proposta għal regolament
Premessa 47a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(47a) L-awtoritajiet lokali u reġjonali jaqdu rwol fundamentali fl-implimentazzjoni u s-suċċess tal-Programm. Il-ġestjoni deċentralizzata permezz ta' aġenzija nazzjonali waħda jew aktar hija punt ta' saħħa ewlieni tal-programm Erasmus+, li tippermetti l-prossimità għall-benefiċjarji, l-ilħuq ta' parteċipanti ġodda u organizzazzjonijiet żgħar u l-kunsiderazzjoni effettiva tad-diversità reġjonali, kulturali u lingwistika, inkluż fir-reġjuni tal-fruntiera. Fi Stati

	Membri fejn l-istrutturi kostituzzjonali jew ta' governanza jirrikjedu dan, il-possibbiltà li jiġu ddeżinjati aktar minn aġenzija nazzjonali waħda jenħtieġ li tinżamm peress li din tappoġġa t-twassil effiċjenti tal-programm, issaħħaħ l-inklużjoni u l-impatt lokali u tippreżerva l-karattru ta' bażi tal-Programm.

Emenda 44

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) Il-Programm jenħtieġ li jimmobilizza l-potenzjal tal-parteċipanti preċedenti fil-programm Erasmus+ u jappoġġa attivitajiet relatati billi jħeġġiġhom jippromwovu l-Programm.	(48) Il-Programm jenħtieġ li jimmobilizza l-potenzjal tal-parteċipanti preċedenti fil-programm Erasmus+ u jappoġġa attivitajiet relatati billi jħeġġiġhom jippromwovu l-Programm***, mingħajr ma jissostitwixxi l-persunal imħallas jew l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni professjonali***.

Emenda 45

Proposta għal regolament
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) Jenħtieġ li jittieħdu miżuri biex tiġi razzjonalizzata l-ġestjoni tal-Programm u jinkisbu ekonomiji ta' skala, inkluż ***permezz tal-limitazzjoni*** u ***t-tnaqqis tal-għadd*** ta' aġenziji nazzjonali.	(49) Jenħtieġ li jittieħdu miżuri biex tiġi razzjonalizzata l-ġestjoni tal-Programm u jinkisbu ekonomiji ta' skala, inkluż ***billi jiġu pprovduti appoġġ tekniku, riżorsi, taħriġ u koordinazzjoni biex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti*** u ***koerenti tal-Programm mill-aġenziji nazzjonali u eżekuttivi kollha u dment li dawn il-miżuri ma jirriżultawx fid-deterjorament tal-kwalità tas-servizz, it-tnaqqis fil-prossimità għall-benefiċjarji, it-telf ta' impjiegi jew kundizzjonijiet ta' impjieg prekarji. Dawn il-miżuri ma għandhomx idgħajfu l-aċċessibbiltà, is-sensibilizzazzjoni jew il-kapaċità***

operazzjonali ta' aġenziji nazzjonali***, u lanqas l-appoġġ ippruvdut fi kwalunkwe livell lill-organizzazzjonijiet u lill-benefiċjarji, inklużi l-organizzazzjonijiet ta' bażi***.

Emenda 46

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-għoti tal-appoġġ fil-qasam ta' politika rilevanti u biex l-implimentazzjoni tkun tista' tibda mill-bidu tal-QFP ***2028–2034***, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2028 u jibda japplika minn dakinhar.	(51) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-għoti tal-appoġġ fil-qasam ta' politika rilevanti***, biex jiġi evitat tfixkil li jista' jaffettwa b'mod negattiv lill-parteċipanti jew lill-benefiċjarji*** u ***l-persunal tagħhom, kif ukoll*** biex l-implimentazzjoni tkun tista' tibda mill-bidu tal-QFP ***2028-2034***, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2028 u jibda japplika minn dakinhar. ***It-tranżizzjoni jenħtieġ li tagħti prijorità lill-kontinwità tal-appoġġ lill-benefiċjarji u lill-parteċipanti, b'mod partikolari lil dawk b'inqas opportunitajiet, u jenħtieġ li ma twassalx għal dewmien fil-finanzjament u jenħtieġ li tevita konsegwenzi negattivi għall-impjiegi, il-kontinwità kuntrattwali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-organizzazzjonijiet li jimplimentaw il-Programm.***

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm Erasmus+, il-programm tal-Unjoni għall-azzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll fl-oqsma taż-żgħażagħ u tal-isport (il-"Programm")	Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm Erasmus+, il-programm tal-Unjoni għall-azzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll fl-oqsma taż-żgħażagħ u tal-isport (il-"Programm")

u jistabbilixxi l-objettivi tal-Programm, il-baġit tiegħu għall-perjodu ***2028–2034***, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-forniment ta' tali finanzjament. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja.

u jistabbilixxi l-objettivi tal-Programm, il-baġit tiegħu għall-perjodu ***2028-2034***, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-forniment ta' tali finanzjament. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja. ***Il-Programm għandu jikkontribwixxi għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ, l-isport u l-volontarjat bħala oqsma ta' interess pubbliku u għandu jiġi implimentat b'mod li jippromwovi l-ġustizzja soċjali, l-ugwaljanza, ix-xogħol deċenti u l-parteċipazzjoni demokratika.***

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "student adult" tfisser persuna li tkun waqqfet jew temmet l-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali u li tinvolvi ruħha f'apprendiment formali, mhux formali jew informali, ***inkluż barra mill-edukazzjoni***, ***impjieg jew taħriġ (NEET***, ***not in education, employment or training)***;	(1) "student adult" tfisser persuna***, inklużi dawk barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħrip (NEET),*** li tkun waqqfet jew temmet l-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali u li tinvolvi ruħha f'apprendiment formali, mhux formali jew informali, ***bil-għan li tappoġġa, fost l-oħrajn***, ***l-iżvilupp personali, iċ-ċittadinanza attiva***, ***l-inklużjoni soċjali u l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità u sostenibbli***;

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "apprendiment għall-adulti" tfisser kwalunkwe forma ta' apprendiment formali, mhux formali jew informali għall-adulti, li jinkludi l-opportunitajiet għall-iżvilupp tal-ħiliet, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet ***għall-kompetittività***, ***it-tishih*** tal-koeżjoni soċjali u l-appoġġ għall-	(2) "apprendiment għall-adulti" tfisser kwalunkwe forma ta' apprendiment formali, mhux formali jew informali għall-adulti, li jinkludi l-opportunitajiet għall-iżvilupp tal-ħiliet, ***inklużi l-ħiliet soċjali kif ukoll*** it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet***, għat-tishih tal-progress personali u soċjali u***

parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà;	***tal-innovazzjoni inklużiva***, tal-koeżjoni soċjali u l-appoġġ għall-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà***, inkluż l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità u sostenibbli, il-progressjoni tal-karriera u l-promozzjoni tat-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol***;

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) "Korp Ewropew ta' Solidarjetà" tfisser l-inizjattiva tal-Unjoni li tipprovdi liż-żgħażagħ opportunitajiet biex jipparteċipaw f'attivitajiet ta' solidarjetà, volontarjat u involviment fil-komunità, kemm fl-Unjoni kif ukoll lil hinn minnha, li jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà, dawk ambjentali jew umanitarji, fejn dawn l-attivitajiet għandhom ikunu mingħajr skop ta' qligħ, volontarji, jinkludu dimensjoni ta' apprendiment u ċivika b'saħħitha u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tas-solidarjetà, id-demokrazija, iċ-ċittadinanza, il-koeżjoni u l-inklużjoni soċjali u l-valuri Ewropej;

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) "Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja" ***tirreferi għall-attivitajiet*** ta' volontarjat li jappoġġaw l-operazzjonijiet fit-tul ta' wara l-kriżi ta' għajnuna umanitarja u ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, li huma maħsuba biex jipprovdu assistenza bbażata fuq il-ħtiġijiet li għandha l-għan li tipprevjeni u ttaffi t-tbatija umana, u li żżomm id-dinjità umana	(6) "Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja" ***tfisser l-inizjattiva tal-Unjoni li tipprovdi lin nies opportunitajiet ta' attivitajiet*** ta' volontarjat li jappoġġaw l-operazzjonijiet fit-tul ta' wara l-kriżi ta' għajnuna umanitarja u ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, li huma maħsuba biex jipprovdu assistenza bbażata fuq il-ħtiġijiet

dejjiema fid-dawl tal-kriżijiet, u li jinkludu azzjonijiet li għandhom l-għan li jsaħħu l-preparatezza għad-diżastri u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, jorbtu flimkien l-għajnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp, u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-kapaċità tal-komunitajiet vulnerabbli jew affettwati minn diżastri biex ikampaw mal-kriżijiet u jirkupraw minnhom;	li għandha l-għan li tipprevjeni u ttaffi t-tbatija umana, u li żżomm id-dinjità umana dejjiema fid-dawl tal-kriżijiet, u li jinkludu azzjonijiet li għandhom l-għan li jsaħħu l-preparatezza għad-diżastri u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, jorbtu flimkien l-għajnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp, u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-kapaċità tal-komunitajiet vulnerabbli jew affettwati minn diżastri biex ikampaw mal-kriżijiet u jirkupraw minnhom;

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) "persuni b'inqas opportunitajiet" tfisser ***persuni*** li, ***għal raġunijiet ekonomiċi***, ***soċjali***, ***kulturali***, ***ġeografiċi*** jew ta' ***saħħa***, ***jew minħabba li jkunu ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni***, ***jew għal raġunijiet bħal diżabbiltà*** jew ***diffikultajiet edukattivi***, ***jew għal kwalunkwe raġuni oħra***, ***inkluż raġuni*** li ***tista' tikkostitwixxi*** diskriminazzjoni skont l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***, jiffaċċjaw ostakli li ma jħalluhomx ikollhom aċċess effettiv għall-opportunitajiet fl-ambitu tal-Programm***;	(12) "persuni b'inqas opportunitajiet" tfisser ***parteċipanti eliġibbli għall-programm li jiffaċċjaw ostakli strutturali jew tas-sitwazzjoni*** li ***jżommuhom milli jkollhom aċċess effettiv għall-opportunitajiet fl-ambitu tal-Programm***, ***inklużi ostakli marbuta ma' introjtu baxx jew faqar***, ***residenza f'reġjuni rurali***, ***remoti u ultraperiferiċi***, ***u pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej, kuntest kulturali*** jew ta' ***migrazzjoni***, ***status ta' refuġjat legali, diżabbiltà, kwistjonijiet ta' saħħa fit-tul***, ***kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar*** jew ***akkomodazzjoni prekarja, żvantaġġ edukattiv, qgħad***, ***diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, etnika jew razzjali***, ***jew raġunijiet oħra*** li ***jistgħu jikkostitwixxu*** diskriminazzjoni skont l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) "student tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali" tfisser persuna reġistrata fi programm ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali inizjali jew kontinwu fi kwalunkwe livell, mil-livell sekondarju sal-livell post-sekondarju, jew persuna li gradwat jew kisbet kwalifika minn tali programm reċentement;	(16) "student tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali" tfisser persuna reġistrata fi programm ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali inizjali jew kontinwu fi kwalunkwe livell, mil-livell sekondarju sal-livell post-sekondarju ***bl-għan li l-individwi jingħataw l-għarfien***, ***il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għal okkupazzjonijiet speċifiċi jew b'mod aktar wiesa' għas-suq tax-xogħol, sabiex jiksbu lawrja professjonali*** jew persuna li gradwat jew kisbet kwalifika minn tali programm reċentement***, jew persuna li tipparteċipa f'apprendistat għal studenti żgħażagħ jew adulti jew taħriġ għall-ħaddiema u għal dawk li qed ifittxu impjieg***;

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) "volontarjat" tfisser attività bla ħlas li tindirizza l-isfidi tas-soċjetà jew umanitarji u ***li għandha*** komponent qawwi ta' apprendiment***;***	(17) "volontarjat" tfisser attività bla ħlas ***għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il xahar*** li tindirizza l-isfidi tas-soċjetà jew umanitarji***, tikkontribwixxi għas-solidarjetà, issaħħaħ il-komunitajiet*** u ***l-parteċipazzjoni ċivika, u tinkludi*** komponent qawwi ta' apprendiment***,***

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-objettiv ġenerali tal-Programm huwa li jikkontribwixxi għal Ewropa reżiljenti, ***kompetittiva u*** koeżiva billi jippromwovi apprendiment tul il-ħajja ta' kwalità għolja,	L-objettiv ġenerali tal-Programm huwa li jikkontribwixxi għal Ewropa reżiljenti, ***soċjalment ġusta, sostenibbli, prospera,*** koeżiva ***u kompetittiva*** billi jippromwovi

isaħħaħ il-ħiliet u l-kompetenzi għall-ħajja u ***għall-impjiegi*** għal kulħadd, filwaqt li jrawwem ***il-valuri tal-Unjoni***, ***il-parteċipazzjoni*** demokratika u soċjetali, ***is-solidarjetà***, ***l-inklużjoni*** soċjali u ***l-opportunitajiet*** indaqs, fl-UE u lil hinn minnha. Il-Programm għandu ***jkun strument ewlieni għall-bini tal-Unjoni tal-Ħiliet***, għall-iżvilupp taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni strateġika Ewropea fl-oqsma tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, inkluż l-aġendi settorjali sottostanti tagħha.

apprendiment tul il-ħajja ta' kwalità għolja, ***u żvilupp personali, edukattiv u professjonali billi jsaħħaħ*** il-ħiliet u l-kompetenzi għall-ħajja***, ix-xogħol*** u ***ċ-ċittadinanza attiva*** għal kulħadd, filwaqt li jrawwem ***sens ta' identità u valuri Ewropej***, ***parteċipazzjoni*** demokratika u soċjetali, ***djalogu interkulturali, rispett għad-diversità***, ***solidarjetà, inklużjoni*** soċjali u ***opportunitajiet*** indaqs, fl-UE u lil hinn minnha. Il-programm għandu ***jippromwovi l-ekwivalenza, il-permeabbiltà u t-tranżizzjonijiet bla xkiel bejn oqsma differenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ matul il-ħajja. Filwaqt li jpoġġi enfasi qawwija fuq il-mobbiltà għall-apprendiment***, ***il-Programm għandu jkun ukoll strument ewlieni*** għall-iżvilupp taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni***, inkluża l-Unjoni tal-Ħiliet,*** u għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni strateġika Ewropea fl-oqsma tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, inkluż l-aġendi settorjali sottostanti tagħha. ***Il-Programm għandu jiżgura opportunitajiet bilanċjati fil-gruppi tal-etajiet kollha u fl-ambjenti kollha ta' apprendiment, u jippermetti lill-istudenti fil-bidu tat-tfulija, lill-istudenti żgħażagħ u lill-adulti jipparteċipaw f'edukazzjoni u taħriġ formali, mhux formali u informali, u jappoġġa lill-organizzazzjonijiet li jaqduhom. Il-programm għandu jippromwovi l-iżvilupp tal-kompetenzi u jisfrutta l-opportunitajiet ta' apprendiment eżistenti madwar l-Unjoni.***

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Programm se javvanza l-kooperazzjoni fil-politika dwar iż-żgħażagħ u se jkompli jiżviluppa d-dimensjoni Ewropea fl-isport. L-objettiv huwa t-trawwim ta' Ewropa	Il-Programm se javvanza l-kooperazzjoni fil-politika dwar iż-żgħażagħ u se jkompli jiżviluppa d-dimensjoni Ewropea fl-isport. L-objettiv huwa t-trawwim ta' Ewropa

aktar inklużiva, magħquda u robusta billi tingħata s-setgħa liż-żgħażagħ, jissaħħu r-rabtiet komunitarji, u ***tiġi promossa*** s-solidarjetà permezz ta' involviment u kooperazzjoni sinifikanti. L-isport jaqdi rwol vitali bħala xprun għall-inklużjoni soċjali, is-saħħa, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-komunità. Bl-investiment tiegħu fiż-żgħażagħ, fil-volontarjat u fl-isport, il-Programm għandu l-għan li jibni soċjetajiet aktar b'saħħithom u aktar konnessi, iħeġġeġ l-involviment ċiviku u demokratiku, u jikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali fil-livelli kollha.	aktar inklużiva, magħquda u robusta billi tingħata s-setgħa liż-żgħażagħ, jissaħħu r-rabtiet komunitarji, u ***jiġu promossi ċ-ċittadinanza attiva u*** s-solidarjetà permezz ta' involviment u kooperazzjoni sinifikanti. L-isport jaqdi rwol vitali bħala xprun għall-inklużjoni soċjali, is-saħħa, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-komunità. Bl-investiment tiegħu fiż-żgħażagħ, fil-volontarjat u fl-isport, il-Programm għandu l-għan li jibni soċjetajiet aktar b'saħħithom u aktar konnessi, iħeġġeġ l-involviment ċiviku u demokratiku, u jikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali fil-livelli kollha. ***Il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha li jimplimentaw il-Programm għandhom jissalvagwardjaw kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, sikuri u deċenti għall-persunal, għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, għall-ħarrieġa u għall-voluntiera involuti f'attivitajiet appoġġati mill-Programm u għandhom jirrispettaw bis-shih il-liġi tax-xogħol, id-drittijiet tal-ħaddiema u l-ftehimiet kollettivi.***

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Programm għandu jiżgura l-kooperazzjoni tas-soċjetà ċivili kemm fit-tfassil kif ukoll fl-implimentazzjoni tiegħu. It-trawwim tal-valuri tal-Unjoni, il-promozzjoni tal-ekwità u tal-inklużjoni, jeħtieġu appoġġ robust għall-organizzazzjonijiet kollha li jiffaċilitaw l-azzjonijiet fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport, filwaqt li jiġi żgurat li l-kapaċità organizzattiva tippermetti li jingħata appoġġ lill-Ewropej kollha sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-Programm.

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) li jappoġġa t-titjib tal-edukazzjoni, tal-ħiliet u tal-kompetenzi billi jiddedika attenzjoni partikolari ***għar-rilevanza tagħhom fis-suq tax-xogħol kif ukoll għall-iżvilupp*** professjonali u ***t-tkabbir personali tal-individwi*** u ***għall-kontribuzzjoni tagħhom f'soċjetà kompetittiva***, sostenibbli u ***koeżiva***;	(a) li jappoġġa t-titjib tal-edukazzjoni, tal-ħiliet u tal-kompetenzi billi jiddedika attenzjoni partikolari ***għall-iżvilupp olistiku ta' kull individwu, jiżgura t-tkabbir personali u*** professjonali u ***jikkontribwixxi għal soċjetà koeżiva, filwaqt li jappoġġa wkoll l-impjegabbiltà, l-intraprenditorija u l-mobbiltà professjonali*** u ***jgħin biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-ekonomija Ewropea***, ***kif ukoll għat-tkabbir*** sostenibbli u ***l-kompetittività***;

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) li jippromwovi l-mobbiltà tal-apprendiment bħala strument fundamentali għall-iżvilupp personali u professjonali, filwaqt li jiżgura aċċess wiesa' għall-opportunitajiet ta' mobbiltà għall-istudenti kollha;

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 3 - paragrafu 2 - punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) li jrawwem sens ta' identità Ewropea u ċittadinanza attiva, isaħħaħ is-solidarjetà u l-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà u d-demokrazija, iħalli impatt pożittiv fuq is-soċjetà, reżiljenza akbar u preparatezza aħjar biex jiġu antiċipati,	(b) li jrawwem sens ta' identità Ewropea u ċittadinanza attiva, isaħħaħ is-solidarjetà u l-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà u d-demokrazija, iħalli impatt pożittiv fuq is-soċjetà, reżiljenza akbar u preparatezza aħjar biex jiġu antiċipati,

evitati u indirizzati riskji ta' natura differenti;	evitati u indirizzati riskji ta' natura differenti***, filwaqt li jirrikonoxxi l-koeżjoni soċjali, is-sigurtà tal-impjiegi u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi bħala mezz biex jintlaħqu dawk l-objettivi***;

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) li jrawwem il-kwalità, l-inklużjoni, l-ekwità, is-sostenibbiltà, il-kreattività, l-innovazzjoni, l-eċċellenza u l-kollaborazzjoni transfruntiera, isaħħaħ l-attraenza ***u l-kompetittività*** tal-Ewropa ***fil-livell dinji***, fl-oqsma kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport;	(c) li jrawwem il-kwalità, l-inklużjoni, l-ekwità, is-sostenibbiltà, il-kreattività, l-innovazzjoni, l-eċċellenza u l-kollaborazzjoni transfruntiera, isaħħaħ l-attraenza ***globali*** tal-Ewropa, fl-oqsma kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport;

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) li jinvolvi liż-żgħażagħ u jagħtihom is-setgħa li jakkwistaw u jiżviluppaw kompetenzi professjonali u personali, ***li*** jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà u d-demokrazija u jinvolvihom fil-proġett Ewropew;	(d) li jinvolvi liż-żgħażagħ u jagħtihom is-setgħa li jakkwistaw u jiżviluppaw kompetenzi professjonali u personali ***permezz tal-apprendiment formali***, ***mhux formali u informali, biex*** jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà u d-demokrazija u jinvolvihom fil-proġett Ewropew***, filwaqt li jappoġġa l-aċċess tagħhom għal impjiegi ta' kwalità u sostenibbli u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, u filwaqt li jiffaċilita u jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ, l-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażagħ u inizjattivi oħra tal-Unjoni fil-qasam taż-żgħażagħ***;

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) li jappoġġa l-iżvilupp tal-politika***,*** inkluż ***għaċ-ċirkolazzjoni tal-ħiliet***, billi jħaffef ir-riformi u l-modernizzazzjoni fil-livell tas-sistemi, fl-oqsma kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, ***taż-żgħażagħ*** u ***tal-isport***, filwaqt li jiżgura li dawn ikunu aktar effettivi, reżiljenti u inklużivi;	(e) li jappoġġa l-iżvilupp tal-politika ***u jiffaċilita l-kollaborazzjoni transfruntiera u inizjattivi ta' espansjoni*** inkluż ***biex jissaħħaħ il-qasam Ewropew tal-apprendiment tul il-ħajja u biex jingħata kontribut għall-eċċellenza fl-edukazzjoni u t-taħriġ***, billi jħaffef ir-riformi u l-modernizzazzjoni fil-livell tas-sistemi, fl-oqsma kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, ***iż-żgħażagħ*** u ***l-isport***, filwaqt li jiżgura li dawn ikunu aktar effettivi, reżiljenti u inklużivi;

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) li jagħti spinta lill-validazzjoni u r-rikonoxximent tal-kwalifiki u tal-apprendiment preċedenti fl-ambjenti kollha tal-apprendiment, sew jekk formali, mhux formali jew informali, filwaqt li jikkontribwixxi wkoll għar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki u tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż, dment li dawn jissodisfaw standards tal-kwalità ekwivalenti bħall-kwalifiki komparabbli miksuba fl-Unjoni;

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) li jipprovdi liż-żgħażagħ opportunitajiet faċilment aċċessibbli biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' solidarjetà	(f) li jipprovdi liż-żgħażagħ opportunitajiet faċilment aċċessibbli biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta'

u attivitajiet umanitarji li jwasslu għal bidliet pożittivi fis-soċjetà tal-Unjoni**,** kif ukoll lil hinn minnha permezz tal-istabbiliment tal-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja, filwaqt li jtejjeb u jivvalida kif suppost il-kompetenzi tagħhom, kif ukoll jiffaċilita l-involviment kontinwu tagħhom bħala ċittadini attivi;	solidarjetà***, volontarjat*** u attivitajiet umanitarji li jwasslu għal bidliet pożittivi fis-soċjetà tal-Unjoni kif ukoll lil hinn minnha ***(***permezz tal-istabbiliment tal-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja***)***, filwaqt li jtejjeb u jivvalida kif suppost il-kompetenzi tagħhom***, inklużi l-ħiliet personali u l-kompetenzi***, kif ukoll jiffaċilita l-involviment kontinwu tagħhom bħala ċittadini attivi;

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) li jippromwovi l-Mudell Ewropew tal-Isport billi jinvesti fl-isport għad-dilettanti, speċjalment l-attivitajiet volontarji, jiżgura l-aċċessibbiltà, jippromwovi l-parteċipazzjoni, jipproteġi l-integrità, jappoġġa l-governanza tajba, u jsaħħaħ ir-rwol soċjali, edukattiv u komunitarju tal-isport, permezz ta' azzjonijiet li jiffukaw fuq il-bini ta' sistema sportiva ġusta, inklużiva u sostenibbli fl-Ewropa kollha**.**	(g) li jippromwovi l-Mudell Ewropew tal-Isport billi jinvesti fl-isport għad-dilettanti, speċjalment l-attivitajiet volontarji, jiżgura l-aċċessibbiltà, jippromwovi l-parteċipazzjoni, jipproteġi l-integrità, jappoġġa l-governanza tajba, u jsaħħaħ ir-rwol soċjali, edukattiv u komunitarju tal-isport, permezz ta' azzjonijiet li jiffukaw fuq il-bini ta' sistema sportiva ġusta, inklużiva u sostenibbli fl-Ewropa kollha***, filwaqt li jissalvagwardja kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, sikuri u deċenti għall-ħaddiema, il-kowċis, il-ħarrieġa, l-atleti u l-voluntiera fis-settur tal-isport;***

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm għandhom juru li jikkonformaw mal-istat tad-dritt u li jirrispettaw il-prinċipji, il-valuri u d-drittijiet fundamentali msemmija f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha

tistabbilixxi arranġamenti proporzjonati ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' monitoraġġ biex tivverifika li l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet li jirċievu appoġġ mill-Programm jirrispettaw u jippromwovu l-valuri demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u n-nondiskriminazzjoni, u għandha tipprevedi miżuri ta' segwitu xierqa f'każ ta' nuqqas ta' konformità;

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet.	(b) ***Kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet u*** appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet.

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Gruppi fil-mira u organizzazzjonijiet parteċipanti
	1. Il-gruppi fil-mira potenzjali u l-organizzazzjonijiet parteċipanti tal-Programm jinkludu:
	(a) Għall-proġetti rilevanti għall-qasam tal-edukazzjoni għolja: l-istudenti tal-edukazzjoni għolja (ċiklu qasir, l-ewwel, it-tieni jew it-tielet ċiklu), l-għalliema u l-professuri tal-edukazzjoni għolja, il-persunal tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, il-ħarrieġa u l-professjonisti fl-intrapriżi;
	(b) Għall-proġetti rilevanti għall-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ

vokazzjonali: l-apprendisti u l-istudenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, il-professjonisti u l-ħarrieġa fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, il-persunal tal-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali, il-ħarrieġa u l-professjonisti fl-intrapriżi;

(c) Għall-proġetti rilevanti għall-qasam tal-edukazzjoni skolastika: il-mexxejja tal-iskejjel, l-għalliema tal-iskejjel u l-persunal tal-iskejjel, l-iskulari fl-edukazzjoni preprimarja, primarja u sekondarja;

(d) Għall-proġetti rilevanti għall-qasam tal-edukazzjoni għall-adulti: il-membri tal-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni mhux vokazzjonali għall-adulti, il-ħarrieġa, il-persunal u l-istudenti fl-edukazzjoni mhux vokazzjonali għall-adulti;

(e) Għall-proġetti rilevanti għall-qasam taż-żgħażagħ: iż-żgħażagħ, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, il-persunal u l-membri tal-organizzazzjonijiet attivi fil-qasam taż-żgħażagħ;

(f) Għall-proġetti rilevanti għall-qasam tal-isport: il-professjonisti u l-voluntiera fil-qasam tal-isport, l-atleti u l-kowċis;

2. Organizzazzjoni parteċipanti involuta fi proġett tal-Erasmus+, bħala jew koordinatur jew sieħeb, tista' tkun kwalunkwe organizzazzjoni li tkun attiva fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ jew l-isport u stabbilita fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm.

3. Il-Kummissjoni Ewropea tista', jekk ikun meħtieġ, tespandi l-lista ta' gruppi fil-mira u organizzazzjonijiet parteċipanti potenzjali.

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Il-mobbiltà tal-apprendiment tal-istudenti u l-persunal tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;	(b) Il-mobbiltà tal-apprendiment tal-istudenti u l-persunal tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali***, inklużi l-apprendisti u l-kollokamenti ta' apprendiment ibbażati fuq ix-xogħol***;

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Il-mobbiltà tal-apprendiment tal-istudenti adulti u tal-persunal ***fl-apprendiment*** għall-adulti.	(d) Il-mobbiltà tal-apprendiment tal-istudenti adulti u tal-persunal ***fl-ambjenti tal-apprendiment formali u mhux formali*** għall-adulti.

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 4 - paragrafu 2 - punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***Il-volontarjat fil-Korp*** Ewropew ta' Solidarjetà, inkluż il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja.	(b) ***L-attivitajiet tal-"Korp*** Ewropew ta' Solidarjetà***", maqsuma f'żewġ fergħat:*** ***(i) il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'attivitajiet ta' solidarjetà***, inkluż ***attivitajiet ta' volontarjat, attivitajiet ta' networking ta' proġetti ta' solidarjetà, miżuri ta' kwalità u ta' appoġġ;*** ***(ii) il-parteċipazzjoni tan-nies f'attivitajiet ta' solidarjetà relatati mal-għajnuna umanitarja (***"il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja***"), inkluż, fejn rilevanti, l-attivitajiet ta' apprendiment u taħriġ relatati mal-organizzazzjonijiet tal-protezzjoni ċivili u ta' rispons għall-emerġenzi, bhat-tifi tan-nar, l-***

	organizzazzjonijiet mediċi u ta' salvataġġ ta' emerġenza, inkluż f'kuntesti transfruntiera.
	Il-volontarjat jista' jsir jew f'pajjiż li mhuwiex il-pajjiż tar-residenza tal-parteċipant jew fil-pajjiż tar-residenza tal-parteċipant. L-attivitajiet ta' volontarjat għandhom jiżguraw ir-rispett sħiħ għad-dritt umanitarju internazzjonali, id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards internazzjonali tax-xogħol, filwaqt li jiggarantixxu s-sikurezza, id-dinjità u t-tħejjija xierqa tal-voluntiera, u jiżguraw li tali attivitajiet jikkomplementaw, u ma jissostitwixxux, ix-xogħol umanitarju mħallas, l-impjieg lokali jew is-servizzi pubbliċi professjonali fil-komunitajiet ospitanti. Il-volontarjat ma għandux jissostitwixxi t-traineeships jew l-impjiegi, u lanqas ma għandu jitqies li hu l-istess bħal impjieg. Dan għandu jkun ibbażat fuq ftehim ta' volontarjat bil-miktub u għandu jiġi implimentat b'rispett sħiħ tal-istandards tax-xogħol, id-dinjità tal-bniedem u t-tħejjija u l-protezzjoni adegwati tal-voluntiera, f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fil-qasam tal-isport, il-Programm għandu jappoġġa l-mobbiltà tal-apprendiment tal-atleti u tal-persuni attivi fl-isport għad-dilettanti u l-mobbiltà tal-apprendiment tal-persunal tal-isport.	3. Fil-qasam tal-isport, il-Programm għandu jappoġġa l-mobbiltà tal-apprendiment tal-atleti u tal-persuni attivi fl-isport għad-dilettanti u l-mobbiltà tal-apprendiment tal-persunal tal-isport***, filwaqt li jissalvagwardja l-karattru soċjali u mhux kummerċjali tal-isport għad-dilettanti***.

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) miżuri bħall-appoġġ lingwistiku, iż-żjarat preparatorji, it-taħriġ u l-kooperazzjoni virtwali.	(b) miżuri bħall-appoġġ lingwistiku, iż-żjarat preparatorji, it-taħriġ u l-kooperazzjoni virtwali***, li jiżguraw l-aċċessibbiltà mid-disinn***.

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 4 - paragrafu 4 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-mobbiltà tal-apprendiment tal-persunal għandha tinkludi lill-għalliema, il-ħarrieġa u persunal ieħor tal-edukazzjoni fis-setturi kollha. L-Istati Membri u l-pajjiżi parteċipanti għandhom jiżguraw li l-mobbiltà tal-persunal tkun rikonoxxuta bħala ħin tax-xogħol u bħala parti mill-iżvilupp professjonali kontinwu, u li jiġu pprovduti miżuri xierqa ta' sostituzzjoni, tal-lingwa u ta' aċċessibbiltà biex jippermettu l-parteċipazzjoni.

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Il-boroż ta' studju ta' Erasmus+ f'oqsma edukattivi strateġiċi, inkluż fil-programmi ta' studju konġunti;	(a) Il-boroż ta' studju ta' Erasmus+ f'oqsma edukattivi ***u tat-taħriġ*** strateġiċi, inkluż fil-programmi ta' studju konġunti ***u fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, li jiżguraw li l-aċċess ikun ibbażat fuq l-inklużjoni u fuq il-prinċipji tal-ekwità soċjali***;

Emenda 77

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Il-boroż ta' studju ta' Erasmus Mundus;	(b) Il-boroż ta' studju ta' Erasmus Mundus***, filwaqt li jippromwovu l-mobbiltà ġusta u ċirkolari għall-istudenti u l-persunal parteċipanti***;

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) L-iskemi mmirati ta' mobbiltà u kooperazzjoni tal-apprendiment għall-għalliema, il-ħarrieġa u persunal ieħor tal-edukazzjoni, inkluż permezz tal-Akkademji tal-Għalliema tal-Erasmus+ u inizjattivi simili, bħala parti mill-iżvilupp professjonali inizjali u kontinwu tagħhom, b'rikonoxximent u validazzjoni xierqa fil-livell nazzjonali;

Emenda 79

Proposta għal regolament
Il-Kapitolu II – It-Taqsima 2 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet	***Kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet u*** appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet ***fl-Ewropa***

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Is-sħubijiet għall-kooperazzjoni, inkluż is-sħubijiet fuq skala żgħira biex jitrawwem aċċess usa' u aktar inklużiv għall-Programm;	(a) Is-sħubijiet għall-kooperazzjoni, inkluż is-sħubijiet fuq skala żgħira biex jitrawwem aċċess usa' u aktar inklużiv għall-Programm ***b'attenzjoni partikolari għall-organizzazzjonijiet ta' bażi, l-***

	istituzzjonijiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet b'kapaċità amministrattiva limitata;

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Is-sħubijiet għall-eċċellenza u l-innovazzjoni, ***li jibbażaw fuq l-Alleanzi*** tal-Universitajiet Ewropej, iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali, l-Akkademji Ewropej tal-Għalliema, ***l-Alleanzi tal-Iskejjel Ewropej,*** il-programmi ta' studju konġunti, Żgħażagħ Ewropej Flimkien***,*** u l-Alleanzi Kollaborattivi għall-Isport.	(b) Is-sħubijiet għall-eċċellenza u l-innovazzjoni ***u l-iskambju tal-aħjar prattiki***, ***b'appoġġ kontinwu lill-Alleanzi*** tal-Universitajiet Ewropej, iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali, l-Akkademji Ewropej tal-Għalliema, il-programmi ta' studju konġunti, Żgħażagħ Ewropej Flimkien ***li jibnu fuq dawk l-inizjattivi biex joħolqu oħrajn ġodda bħall-Alleanzi tal-Iskejjel Ewropej*** u l-Alleanzi Kollaborattivi ***Ewropej*** għall-Isport***, inklużi proġetti ta' kooperazzjoni mmirati għall-promozzjoni tal-eċċellenza vokazzjonali, il-parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet tal-ħiliet, l-apprendiment bejn il-pari fost il-fornituri tat-taħriġ, kif ukoll il-kooperazzjoni mal-intrapriżi fil-qafas tal-inizjattivi ta' eċċellenza fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali***.

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-esperimentazzjoni, it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-aġendi u l-għodod ***politiċi*** tal-Unjoni li jkopru l-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport[21];	(a) L-esperimentazzjoni, it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-aġendi u l-għodod ***ta' politika*** tal-Unjoni li jkopru l-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport[21]***, inklużi inizjattivi li jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet u ta' ħaddiema, l-apprendiment ibbażat fuq ix-xogħol, l-apprendistati u l-perkorsi ta' mobbiltà,***

	b'mod partikolari fl-SMEs;
[21] B'mod partikolari: il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK); il-Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (EQAVET, European Quality Assurance Reference Framework for Vocational Education and Training); ir-Reġistru Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja (EQAR, European Quality Assurance Register for Higher Education); in-Network Ewropew ta' Ċentri ta' Informazzjoni fir-Reġjun Ewropew (ENIC, Network of Information Centres in the European Region) u n-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar ir-Rikonoxximent Akkademiku (NARIC, National Academic Recognition Information Centres in the European Union), in-network Euroguidance, il-qafas u l-għodod komuni għall-għoti ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (Europass), in-Network Eurydice, il-koordinaturi nazzjonali għall-apprendiment għall-adulti, servizzi ċentrali u nazzjonali ta' appoġġ għall-pjattaformi online, iż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA, European Higher Education Area) u l-punti ta' referenza nazzjonali għall-monitoraġġ tal-perkors tal-gradwati, in-network wiki taż-żgħażagħ, in-network Eurodesk, il-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ, il-Youthpass, il-gruppi ta' ħidma nazzjonali li jimplimentaw id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ, u l-korpi nazzjonali ta' koordinazzjoni li jimplimentaw il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport fil-livell nazzjonali.	[21] B'mod partikolari: il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK); il-Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (EQAVET, European Quality Assurance Reference Framework for Vocational Education and Training); ir-Reġistru Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja (EQAR, European Quality Assurance Register for Higher Education); in-Network Ewropew ta' Ċentri ta' Informazzjoni fir-Reġjun Ewropew (ENIC, Network of Information Centres in the European Region) u n-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar ir-Rikonoxximent Akkademiku (NARIC, National Academic Recognition Information Centres in the European Union), in-network Euroguidance, il-qafas u l-għodod komuni għall-għoti ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (Europass), in-Network Eurydice, il-koordinaturi nazzjonali għall-apprendiment għall-adulti, servizzi ċentrali u nazzjonali ta' appoġġ għall-pjattaformi online, iż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA, European Higher Education Area) u l-punti ta' referenza nazzjonali għall-monitoraġġ tal-perkors tal-gradwati, in-network wiki taż-żgħażagħ, in-network Eurodesk, il-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ, il-Youthpass, il-gruppi ta' ħidma nazzjonali li jimplimentaw id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ, u l-korpi nazzjonali ta' koordinazzjoni li jimplimentaw il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport fil-livell nazzjonali.
Emenda 83	
Proposta għal regolament **Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**	

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Id-djalogu ta' politika fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ, l-isport u l-volontarjat u l-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż firxa varjata ta' attivitajiet bħal konferenzi u tipi oħra ta' avvenimenti, appoġġ għall-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u appoġġ għall-funzjonament tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ, tan-networks madwar l-Unjoni kollha u tal-organizzazzjonijiet Ewropej;

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) It-tixrid u l-komunikazzjoni.	(c) It-tixrid u l-komunikazzjoni ***li jiżguraw it-trasparenza, l-aċċessibbiltà u l-pluraliżmu***.

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta jimplimentaw dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm għandhom jiżguraw approċċ inklużiv fl-attivitajiet kollha.	1. Meta jimplimentaw dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm għandhom jiżguraw approċċ inklużiv fl-attivitajiet kollha***, inkluż billi jindirizzaw l-inugwaljanzi strutturali marbuta mal-isfond soċjoekonomiku, id-diżabbiltà, il-ġeneru, l-istatus tal-migrazzjoni, is-sitwazzjoni tal-impjieg, l-iżvantaġġ territorjali u forom oħra ta' diskriminazzjoni, u billi joħolqu l-kundizzjonijiet sabiex il-parteċipazzjoni ma tkunx tiddependi mill-kapaċità***

finanzjarja.

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm għandhom jieħdu miżuri effettivi biex jippromwovu l-inklużjoni, id-diversità u l-ġustizzja, is-solidarjetà, ***u l-opportunitajiet*** indaqs, b'mod partikolari biex jiżguraw li fil-Programm jipparteċipaw persuni b'inqas opportunitajiet.	2. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm għandhom jieħdu miżuri effettivi biex jippromwovu l-inklużjoni, id-diversità u l-ġustizzja, is-solidarjetà, ***biex jippruvdu opportunitajiet*** indaqs, b'mod partikolari biex jiżguraw li fil-Programm jipparteċipaw persuni b'inqas opportunitajiet***, u biex jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jipprevjenu li l-parteċipazzjoni ma twassalx għal diffikultajiet finanzjarji jew faqar fost dawk li jaħdmu***.

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-aċċess għall-Programm minn età bikrija u indipendentement mill-isfond soċjoekonomiku. Biex dan jinkiseb, għandha tiżgura l-forniment ta' miżuri biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-persuni b'inqas opportunitajiet, ***inkluż*** mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju, ***meta jkun rilevanti***.	3. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-aċċess għall-Programm minn età bikrija u ***għall-gruppi fil-mira kollha u*** indipendentement mill-isfond soċjoekonomiku. Biex dan jinkiseb, għandha tiżgura l-forniment ta' miżuri biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-persuni b'inqas opportunitajiet***. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu***, ***fost l-oħrajn,*** mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju ***u ta' prefinanzjament***, ***kopertura adegwata tal-kostijiet tal-mobbiltà, appoġġ għall-akkomodazzjoni, attivitajiet preparatorji, u kumpens għall-kostijiet addizzjonali marbuta mad-diżabbiltà jew mal-iżvantaġġ soċjoekonomiku sabiex tiġi ffaċilitata, b'mod partikolari, il-***

	parteċipazzjoni tal-persuni b'inqas opportunitajiet li l-parteċipazzjoni tagħhom hija mxekkla għal raġunijiet finanzjarji. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu wkoll proċessi diġitali b'mod awtomatiku, inkluż firem elettroniċi u rekwiżiti ta' dokumentazzjoni simplifikati u aċċessibbli, kif ukoll flussi tax-xogħol ċari u konsistenti, sabiex jitnaqqsu r-rekwiżiti amministrattivi sproporzjonati għall-parteċipanti. Dan huwa ta' benefiċċju wkoll għall-SMEs, għall-fornituri tal-VET u għall-intermedjarji li jappoġġaw il-mobbiltà.

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni tista' taġġusta**,** jew tawtorizza lill-aġenziji nazzjonali, imsemmija fl-Artikolu 19**,** jaġġustaw, abbażi ta' kriterji oġġettivi, il-mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju għat-titjib tal-aċċess għall-persuni b'inqas opportunitajiet.	4. Il-Kummissjoni tista' taġġusta jew tawtorizza lill-aġenziji nazzjonali, imsemmija fl-Artikolu 19 jaġġustaw, abbażi ta' kriterji oġġettivi, il-mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju għat-titjib tal-aċċess għall-persuni b'inqas opportunitajiet***, filwaqt li tiżgura kopertura adegwata tal-kostijiet addizzjonali tal-mobbiltà li jiffaċċjaw il-benefiċjarji, minn u lejn reġjuni remoti, insulari, muntanjużi, mhux moqdija biżżejjed u ultraperiferiċi kif ukoll il-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej assoċjati mal-Unjoni**.

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Programm jikkontribwixxi għall-apprendiment tul il-ħajja billi jipprovdi opportunitajiet ta' mobbiltà lill-istudenti

aktar tard f'ħajjithom.

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-kostijiet tal-miżuri li jiffaċilitaw jew jappoġġaw il-parteċipazzjoni ta' persuni b'inqas opportunitajiet ma għandhomx jiġġustifikaw ir-rifjut ta' applikazzjoni fl-ambitu tal-Programm.	5. Il-kostijiet tal-miżuri li jiffaċilitaw jew jappoġġaw il-parteċipazzjoni ta' persuni b'inqas opportunitajiet ma għandhomx jiġġustifikaw ir-rifjut ta' applikazzjoni fl-ambitu tal-Programm***, u lanqas ma għandhom jaffettwaw b'mod negattiv il-valutazzjoni tal-kwalità jew il-klassifikazzjoni tal-applikazzjoni***.

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja fuq bażi regolari l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' inklużjoni u diversità, inkluż il-pjanijiet nazzjonali għall-inklużjoni u d-diversità.	7. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja fuq bażi regolari l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' inklużjoni u diversità, inkluż il-pjanijiet nazzjonali għall-inklużjoni u d-diversità***, inkluż permezz ta' indikaturi relatati mal-impatt soċjali, l-aċċess ugwali u l-kwalità tal-impjiegi***.

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu ***2028–2034*** huwa stabbilit għal EUR ***40 827 000 000*** fil-prezzijiet attwali.	1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu ***2028-2034*** huwa stabbilit għal EUR ***47,39 biljun*** fil-prezzijiet attwali.

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 9 - paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 għandha tkun:
	(a) EUR XXX, li jirrappreżentawX % tal-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għall-azzjonijiet fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inklużi VET, edukazzjoni għolja, edukazzjoni skolastika, edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal u edukazzjoni għall-adulti;
	(b) EUR XXX, li jirrappreżentaw X % tal-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għall-azzjonijiet fil-qasam taż-żgħażagħ;
	(c) X% sport.

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Mill-inqas 20 % tal-pakkett finanzjarju totali għandu jiġi allokat biex jappoġġa l-parteċipazzjoni ta' persuni b'inqas opportunitajiet, inkluż permezz ta' appoġġ finanzjarju mmirat, mekkaniżmi ta' finanzjament adattati u miżuri ta' implimentazzjoni inklużivi.

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. Il-Kummissjoni għandha tiżgura trasparenza sħiħa dwar l-impenji u l-pagamenti annwali għal kull fergħa msemmija fil-paragrafu 1a u għandha tippreżenta din l-informazzjoni fir-rapportar annwali u l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni relatati mal-Programm.

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi anke kontribuzzjoni fl-ambitu tal-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-kostijiet eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.	1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi anke kontribuzzjoni fl-ambitu tal-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-kostijiet eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ***, filwaqt li jiġu żgurati t-trasparenza, it-trattament ugwali tal-applikanti u l-prevenzjoni ta' konċentrazzjoni sproporzjonata ta' finanzjament f'organizzazzjonijiet kbar jew strutturalment vantaġġati***.

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-prestazzjoni, ikkalkulata abbażi tal-aktar data reċenti disponibbli.	(c) il-prestazzjoni, ikkalkulata abbażi tal-aktar data reċenti disponibbli***, filwaqt li jiġi żgurat li l-kriterji ta' allokazzjoni ma jsaħħux id-disparitajiet strutturali bejn l-Istati Membri u r-reġjuni billi jiġu promossi opportunitajiet ta' mobbiltà flimkien ma' konverġenza soċjali 'l fuq u li tingħata kunsiderazzjoni partikolari lill-isfidi soċjoekonomiċi, lill-inugwaljanzi reġjonali u lill-ħtieġa għal konverġenza soċjali 'l fuq***.

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 14 - paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-entitajiet li jipparteċipaw fil-Programm għandhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar ix-xogħol, dik soċjali u dik kontra d-diskriminazzjoni, u ma għandhomx ikunu soġġetti għal deċiżjonijiet finali li jistabbilixxu ksur serju tal-istandards tax-xogħol jew tal-istandards soċjali.

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.	Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. ***Il-programmi ta' ħidma għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni u tad-distribuzzjoni tal-fondi bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-***

Programm għall-azzjonijiet li jridu jiġu ġestiti mill-aġenzija nazzjonali, kif ukoll l-attribuzzjonijiet baġitarji espliċiti.

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, l-aġenziji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19 għandhom jiżviluppaw strateġija għal komunikazzjoni konsistenti fir-rigward tal-ilħuq tan-nies effettiv u tat-tixrid u l-isfruttament tar-riżultati tal-attivitajiet appoġġati fl-ambitu tal-azzjonijiet li jiġġestixxu fil-Programm. L-awtoritajiet nazzjonali msemmija fl-Artikolu 18 għandhom jappoġġaw lill-aġenziji nazzjonali fl-isfruttament tar-riżultati ta' proġetti b'potenzjal għoli li jħallu impatt.	1. F'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, l-aġenziji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19 għandhom jiżviluppaw strateġija għal komunikazzjoni konsistenti fir-rigward tal-ilħuq tan-nies effettiv u tat-tixrid u l-isfruttament tar-riżultati tal-attivitajiet appoġġati fl-ambitu tal-azzjonijiet li jiġġestixxu fil-Programm. ***Minbarra li jiġi infurmat il-pubbliku ġenerali, għandha tingħata prijorità biex jintlaħqu persuni b'inqas opportunitajiet, dwar il-firxa wiesgħa ta' attivitajiet li jistgħu jiġu appoġġati mill-Programm lil hinn mill-mobbiltà tal-apprendiment tal-istudenti tal-edukazzjoni għolja.*** L-awtoritajiet nazzjonali msemmija fl-Artikolu 18 għandhom jappoġġaw lill-aġenziji nazzjonali fl-isfruttament tar-riżultati ta' proġetti b'potenzjal għoli li jħallu impatt***, u għandhom jaħdmu fi sħubija mal-parteċipanti u l-benefiċjarji u man-networks multiplikaturi biex jadattaw it-tixrid għall-kuntest speċifiku***.

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-aġenziji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19 għandhom jassistu lill-Kummissjoni fil-kompitu ġenerali tagħha li xxerred informazzjoni dwar il-Programm, inkluż informazzjoni fir-rigward tal-	2. L-aġenziji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19 għandhom jassistu lill-Kummissjoni fil-kompitu ġenerali tagħha li xxerred informazzjoni dwar il-Programm, inkluż informazzjoni fir-rigward tal-

azzjonijiet u l-attivitajiet ġestiti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, u r-riżultati tiegħu. L-aġenziji nazzjonali għandhom jinfurmaw lill-gruppi fil-mira rilevanti dwar l-azzjonijiet u l-attivitajiet imwettqa fil-pajjiżi rispettivi tagħhom.	azzjonijiet u l-attivitajiet ġestiti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, u r-riżultati tiegħu. L-aġenziji nazzjonali għandhom jinfurmaw lill-gruppi fil-mira rilevanti dwar l-azzjonijiet u l-attivitajiet imwettqa fil-pajjiżi rispettivi tagħhom. ***Is-servizzi ta' gwida vokazzjonali, l-istituzzjonijiet tat-taħriġ, is-servizzi tal-impjiegi u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra għandhom ikunu attivi fl-għoti ta' informazzjoni dwar il-programm.***

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 16 - paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-informazzjoni dwar il-Programm għandha tiġi pprovduta bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 18 - paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Stat Membru jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm jista' jaħtar aktar minn aġenzija nazzjonali waħda, b'mod partikolari biex jirrifletti strutturi kostituzzjonali, federali jew reġjonali, jew biex jiżgura t-twettiq effettiv tal-Programm f'territorji lingwistikament jew kulturalment diversi. Meta Stat Membru jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm jaħtar aktar minn aġenzija nazzjonali waħda, l-awtorità nazzjonali għandha tiżgura koordinazzjoni ġenerali, konsistenza tal-implimentazzjoni, u qafas koerenti uniku għas-superviżjoni u l-assigurazzjoni fil-konfront tal-Kummissjoni, inkluż billi tistabbilixxi

	arranġamenti ta' koordinazzjoni xierqa fost l-aġenziji nazzjonali.

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 18 - paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni soċjali wiesgħa, l-awtorità nazzjonali għandha, permezz ta' djalogu strutturat, tikkonsulta u tikkoopera regolarment mas-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati oħra attivi fl-oqsma rilevanti għal din id-Direttiva, inklużi fost l-oħrajn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u tal-istudenti, l-SMEs li jospitaw studenti tal-VET, kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali rilevanti.

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) turi l-kapaċità li tiżgura allokazzjoni trasparenti u soċjalment ekwa tal-għotjiet, inkluż sensibilizzazzjoni mmirata, appoġġ għall-parteċipanti b'inqas opportunitajiet, proċeduri aċċessibbli, nondiskriminazzjoni u appoġġ għal organizzazzjonijiet fuq skala żgħira, ta' bażi u mingħajr skop ta' qligħ.

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 19 - paragrafu 7 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-aġenzija nazzjonali għandha tkun involuta mill-qrib fid-djalogu

strutturat imsemmi fl-Artikolu 18.

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-aġenzija nazzjonali għandha tkun responsabbli għall-kontrolli primarji tal-benefiċjarji tal-għotjiet għall-azzjonijiet li tiġġestixxi kif stabbilit fil-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 15. Dawn il-kontroll għandhom jagħtu assigurazzjoni raġonevoli li l-għotjiet mogħtija jintużaw kif maħsub u f'konformità mar-regoli tal-Unjoni applikabbli.	2. L-aġenzija nazzjonali għandha tkun responsabbli għall-kontrolli primarji tal-benefiċjarji tal-għotjiet għall-azzjonijiet li tiġġestixxi kif stabbilit fil-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 15. Dawn il-kontroll għandhom jagħtu assigurazzjoni raġonevoli li l-għotjiet mogħtija jintużaw kif maħsub u f'konformità mar-regoli tal-Unjoni applikabbli. ***Il-kontrolli għandhom ikunu bbażati fuq ir-riskju u proporzjonati, u ma għandhomx joħolqu ostakli għall-organizzazzjonijiet b'kapaċità amministrattiva iżgħar jew għall-parteċipanti b'inqas opportunitajiet permezz ta' rekwiżiti amministrattivi eċċessivi. L-awtorità nazzjonali għandha tkun responsabbli għall-aċċess ugwali, għat-trasparenza, għan-nondiskriminazzjoni u għall-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri ta' inklużjoni fl-allokazzjoni u l-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni, inkluż il-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess u influwenza indebita.***

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li fl-opinjoni tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet, għat-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
Life Long Learning Platform
Youth Forum
Bundesvereinigung der Deutschen Arbeitgeberverbände
Erasmus Students Network
Unimed
European Olympic Committee
European Council of Young Farmers
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom
Xejn

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment tal-programm Erasmus+ għall-perjodu 2028-2034, u t-tħassir tar-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888
Referenzi	COM(2025)0549 – C10-0170/2025 – 2025/0222(COD)
Kumitati responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 23.10.2025
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 23.10.2025
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Nela Riehl 9.12.2025
Eżami fil-kumitat	17.3.2026
Data tal-adozzjoni	6.5.2026
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 41 –: 1 0: 11

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

41	+
ECR	Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu
NI	Jan-Peter Warnke
PPE	Maravillas Abadía Jover, Pascal Arimont, Andrzej Buła, David Casa, Salvatore De Meo, Loucas Fourlas, Niels Geuking, Sérgio Humberto, Martine Kemp, Jagna Marczułajtis-Walczak, Dennis Radtke, Liesbet Sommen, Axel Voss, Angelika Winzig
Renew	Grégory Allione, Valérie Devaux, Elisabetta Gualmini, Michael McNamara, Hristo Petrov
S&D	Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Idoia Mendia, Aodhán Ó Ríordáin, Birgit Sippel, Marianne Vind
The Left	Li Andersson, Leila Chaibi, Rudi Kennes, João Oliveira
Verts/ALE	Katrin Langensiepen, Maria Ohisalo, Nela Riehl, Benedetta Scuderi

1	-
PfE	Margarita de la Pisa Carrión

11	0
ECR	Elena Donazzan, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Kosma Złotowski
ESN	Petar Volgin
PPE	Miriam Lexmann, Romana Tomc
PfE	Mélanie Disdier, Angéline Furet, Pál Szekeres, Séverine Werbrouck

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni